**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. , Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Att t'Akkuza numru 2/2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Andrew Mangion**

**Adhamjon Niyazov maghruf ukoll bhala Kristijan Zekic**

Illum 8 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 2 tas-sena 2022 migjuba fil-konfront tal-akkuzati Andrew Mangion, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 240176M u Adhamjon Niyazov, detentur ta' passaport Uzbek bin-numru CF1615472 maghruf ukoll bhala Kristijan Zekic, detentur tal-karta tal-identita' Slovena bin-numru 003148876 fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) filgħaxija, Elena Calin kienet qegħda fil-post fejn hija kienet tirresjedi, u cioe' fil-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, meta fil-waqt li kienet qegħda tagħlaq il-bibien tal-istess *boathouse*, hija sfat aggredita

minn tliet persuni mgħammda li qabżu fuqha. Elena Calin bdiet tgħajjat u twerżaq għall-għajjut u dawn it-tliet malvivienti għamlulha t-tape ma ħalqha sabiex ma tkomplix tgħajjat, kif ukoll għattewlha għajnejha u rabtulha idejha bit-tape. Dawn il-malviventi bdew jagħtuha bis-sieq u jitolbuha l-flus u jhedduha li kienu ser joqtluha jekk ma tagħtihomx flus.

Illi wara xi ħin Elena Calin irċeviet telefonata mingħand John Scerri, li kien jirresjedi magħha fl-istess *boathouse*. Calin ngħatat struzzjonijiet mingħand dawn il-malviventi li tirrispondi din it-telefonata u ma tagħti l-ebda ħjiel ta' dak kollu li kien għaddej. Għalhekk Calin irrispondiet din it-telefonata u John Scerri qalilha li kien qiegħed fi triqtu l' hemmhekk. Fil-fatt wara xi ħin John Scerri wasal fil-*boathouse* u malli daħal, totalment injot għal dak li kien qiegħed jiġri ġewwa, safa aggredit u msawwat minn dawn il-malviventi. Din l-aggressjoni bdiet billi Scerri ngħata daqqa kbira ġo rasu b'oġġett iebes. Illi Scerri ngħata ukoll diversi daqqiet ta' sieq u daqqiet ta' ponn minn dawn il-malviventi, spiċċa mal-art u kważi ntilef minn sensih. Lil Scerri rabtulu idejh bit-tape u komplew ituh, kif ukoll tawh daqqa ta' sikkina. Illi waqt din l-aggressjoni kollha, dawn il-malviventi bdew jitolbu l-flus lil John Scerri. Illi f'waqt minnhom, dawn il-malviventi bdew ukoll iferrgħu likwidu u Scerri beda jaħseb li ser jagħtuh in-nar. Kien hemmhekk li Scerri qal lil malviventi fejn kien qed iżomm il-flus, bil-malviventi jisirqu dawn il-flus ammontanti għal madwar ħamest elef ewro.

Illi l-malviventi serqu ukoll il-vettura tal-għamla Renault Clio bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE 918 tal-istess John Scerri u ħarbu biha minn fuq il-post. Illi din il-vettura nstabet ftit wara l-akkadut ġewwa t-triq prinċipali tal-Armier. Illi hekk kif stabbilit mill-espert awtomobilistiku s-Sur Mark Micallef, il-valur ta' din il-vettura huwa ta' madwar elfejn u sitt mitt ewro.

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija kif ukoll mix-xogħol li sar mill-esperti tal-forensika, ġew individwati l-akkużati Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov bħala tnejn mill-persuni li kienu nvoluti f'din is-serqa, bil-persuna jew persuni l-oħra jibqgħu mhux magħrufa. Illi fil-kors tal-inkjesta li saret mill-Maġistrat Inkwerenti, kienu nħatru diversi esperti fosthom esperti forensiċi li elevaw diversi kampjuni minn fuq ix-xena tad-delitt, liema kampjuni ġew sussegwentement mgħoddija lill-espert seroloġista għall-analiżi ulterjuri. Illi wara li sar eżami komparattiv fuq kampjun ta' DNA li nstab fuq ix-xena tad-delitt, dan qabel mal-akkużat Kristijan Zekic magħruf ukoll bħala Adamjon Niyazov. Illi mill-eżamijiet forensiċi oħra rriżulta ukoll li kampjun li ntsab ġewwa l-van ta' Andrew Mangion qabel mad-DNA tal-vittma John Scerri. Illi *in oltre* minn investigazzjonijiet li saru mas-*service providers* jirriżulta ukoll li l-*mobile phone* ta' Andrew Mangion kien lokalizzat fl-inħawi tal-Armier fil-ħin ta' meta seħħet is-serqa.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov saru ħatja ta' serq ta' proprjeta mobbli (flus kontanti u vettura) a detriment ta' John Scerri u/jew Elena Calin u/jew persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza (ġrieħi), bil-mezz (għata tal-wiċċ), bil-valur (ħamest elef ewro fi flus kontanti u vettura bil-valur ta' madwar elfejn u sitt mitt ewro), bil-lok (post ta' abitazzjoni), bil-ħin (filgħaxija) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov, ħatja talli fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), mill-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, u/jew mill-Armier, limiti tal-Mellieħa, serqu proprjeta'

mobbli a detriment ta' John Scerri u/jew Elena Calin u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija minn **ħames (5) snin sa tletin (30) sena**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(e)(f)(g), 262(1)(a)(b)(2), 263, 267, 269(g), 270, 271(g), 274(a), 275, 277(b), 278, 279(b), 280(1)(2), 281, 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:**

Illi fiż-żmien, lok u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), Elena Calin kienet qegħda tagħlaq il-bibien tal-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, meta hija sfat aggredita minn tliet persuni mgħammda li qabżu fuqha. Dawn il-malvivienti għamlulha t-tape ma ħalqha, għattewlha għajnejha, rabtulha idejha bit-tape u bdew jagħtuha bis-sieq u jitolbuha l-flus u jhedduha li kienu ser joqtluha jekk ma tagħtihomx flus. Illi għalhekk Elena Calin ġiet miżmuma kontra l-volonta' tagħha u l-liberta ta' moviment tagħha ġiet impeduta.

Illi kif ġjà spjegat fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, wara xi ħin wasal John Scerri fl-istess *boathouse*, li safa ukoll aggredit u msawwat minn dawn il-malviventi. Illi din l-aggressjoni bdiet billi Scerri ngħata daqqa kbira ġo rasu b'oġġett iebes. Scerri ngħata ukoll diversi daqqiet ta' sieq u daqqiet ta' ponn u b'hekk spiċċa mal-art u kważi ntilef minn sensih. Illi waqt din l-aggressjoni, lil John Scerri ukoll rabtulu idejh bit-tape u bdew jitolbuh l-flus. Illi għalhekk John

Scerri ukoll ġie miżmum kontra l-volonta' tiegħu u l-liberta ta' moviment tiegħu ġiet impeduta.

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, kif ukoll mix-xogħol li sar mill-esperti tal-forensika, fosthom xogħol ta' analizi fuq DNA, ġew individwati l-akkużati Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov bħala tnejn mill-persuni li kienu nvoluti fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, bil-persuna jew persuni l-oħra jibqgħu mhux magħrufa.

Illi l-akkużati Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov ma kellhomx ordni skond il-Liġi ta' l-awtorita' kompetenti u ċ-ċirkostanzi ma kienux fost dawk li fihom il-Liġi tagħti setgħa lil privat sabiex jarresta lil xi ħadd.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov saru ħatja talli, bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil xi persuni (Elena Calin u John Scerri) kontra l-volontà tagħhom; b'dan li d-delitt seħħ waqt li l-persuni ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew imhedda bil-mewt, u wkoll bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra jew biex il-persuni l-oħra ikunu mġiegħela jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov, ħatja talli fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa u/jew fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, bla ordni skond il-Liġi ta'

l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammu jew issekwestraw lil xi persuni u cioe' lil Elena Calin u lil John Scerri kontra l-volontà tagħhom, liema persuni ġew offizi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra jew biex persuni oħra jkunu imġiegħela jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom;

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija minn **tlettax-il xahar sa tlett snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(c)(e), 17, 23 u 533 tal-Koċici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tielet u ipremetta:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel zewġ kapi ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), meta John Scerri wasal fil-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, huwa safa aggredit minn tliet persuni wiċċhom mgħammad, li kienu diġa ġewwa l-istess *boathouse*. Din l-aggressjoni bdiet billi Scerri ngħata daqqa kbira ġo rasu b'oġġett iebes. Illi Scerri ngħata ukoll diversi daqqiet ta' sieq u daqqiet ta' ponn minn dawn il-malviventi, spiċċa mal-art u kważi ntilef minn sensih. Lil Scerri rabtulu idejh bit-tape u komplew ituh, anke permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta.

B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni, John Scerri ġarrab diversi ġrieħi, fosthom leżjonijiet f'idejh, f'sidru u f'wiċċu, hekk kif determinat mill-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri. Illi hekk kif ġie determinat mill-istess espert, xi leżjonijiet kienu magħmula bi strument li jaqta' u bil-ponta. Illi John Scerri ittieħed għal kura l-

isptar *Mater Dei* fejn ġie ċertifikat li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, kif ukoll mix-xogħol li sar mill-esperti tal-forensika, fosthom xogħol ta' analizi fuq DNA, ġew individwati l-akkużati Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov bħala tnejn mill-persuni li kienu nvoluti fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, bil-persuna jew persuni l-oħra jibqgħu mhux magħrufa.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov saru ħatja talli, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkagunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (John Scerri), jew ġabulha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov, ħatja talli, nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, u/jew fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u cioe' John Scerri, jew ġabulha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress

illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija minn **disa' xhur sa disa' snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b)(2), 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), Elena Calin kienet qegħda tagħlaq il-bibien tal-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, meta hija sfat aggredita minn tliet persuni mgħammda li qabżu fuqha. Dawn il-malviventi għamlulha t-tape ma ħalqha, għattewlha għajnejha, rabtulha idejha bit-tape u bdew jagħtuha bis-sieq. B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni, Elena Calin ġarrbet diversi ġrieħi, fosthom leżjonijiet fuq il-wiċċ, l-għonq u l-idejn hekk kif determinat mill-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri. Illi Elena Calin ittieħed għal kura l-isptar *Mater Dei* fejn ġiet ċertifikata li kienet qegħda isofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa.

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, kif ukoll mix-xogħol li sar mill-esperti tal-forensika, fosthom xogħol ta' analizi fuq DNA, ġew individwati l-akkużati Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov bħala tnejn mill-persuni li kienu nvoluti fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, bil-persuna jew persuni l-oħra jibqgħu mhux magħrufa.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov saru ħatja talli, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħedu il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkagunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Elena Calin), jew ġabulha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov ħatja talli, nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, u/jew fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar**,** ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u cioe' Elena Calin, jew ġabulha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi;

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jigu kkundannati għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' **mhux iżjed minn tliet xhur**, jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221(1), 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hames Kap ipremetta:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) filgħaxija, kif ġja spjegat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, tliet malviventi daħlu fil-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta'

Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, fejn kienu jirresjedu Elena Calin u John Scerri u serqu madwar ħamest elef ewro fi flus u minbarra l-istess *boathouse* serqu ukoll il-vettura tal-istess John Scerri u ħarbu minn fuq il-post. Illi waqt li l-malviventi kienu qegħdin ifittxu l-flus huma qallbu d-dar kollha u kkaġunaw ħsarat estensivi ġewwa l-istess *boathouse,* fosthom billi kissru inkwatri, għamara u oġġetti oħra. Il-valur ta' dan il-ħsara kienet tammonta għal aktar minn elfejn u ħames mitt ewro  u dan għad-dannu ta' John Scerri u/jew Elena Calin u/jew persuna jew persuni oħra.

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, kif ukoll mix-xogħol li sar mill-esperti tal-forensika, fosthom xogħol ta' analizi fuq DNA, ġew individwati l-akkużati Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov bħala tnejn mill-persuni li kienu nvoluti fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, bil-persuna jew persuni l-oħra jibqgħu mhux magħrufa.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov saru ħatja talli, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta' liema ħsara huwa iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€ 2500).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov ħatja talli, nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, u/jew fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta' liema ħsara huwa iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€ 2500), u dan għad-dannu ta' John Scerri u/jew Elena Calin u/jew persuna jew persuni oħra;

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jigu kkundannati għall-piena ta' priġunerija minn **tmintax-il xahar sa erba' snin** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sitt Kap ipremetta:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), wara li t-tliet malviventi wettqu s-serqa minn ġewwa l-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, huma ħarbu minn fuq il-post permezz tal-vettura ta' John Scerri tal-għamla Renault Clio bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE 918. Illi din il-vettura nstabet ftit wara l-akkadut ġewwa t-triq prinċipali tal-Armier. Illi f'din il-vettura nstabet ukoll arma tan-nar fuq is-seat ta' wara. Illi minn ezamijiet li saru fuq din l-istess arma mill-espert maħtur mill-Qorti PC 1525 Patrick Farrugia rrizulta li din l-arma hija pistola tad-ditta *Weirauch*, mudell HW 45 u għandha n-numru serjali 406908. Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija dwar din l-arma, irrizulta li din l-arma kienet ġiet misruqa minn fond ġewwa s-Swieqi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016). B'hekk l-malviventi kienu xjentement laqgħu għandhom oġġett akkwistat b'reat.

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, kif ukoll mix-xogħol li sar mill-esperti tal-forensika, fosthom xogħol ta' analizi fuq DNA, ġew individwati l-akkużati Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov bħala tnejn mill-persuni li kienu nvoluti fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, bil-persuna jew persuni l-oħra jibqgħu mhux magħrufa.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov saru hatja ta' riċettazzjoni ta' proprjeta mobbli, billi xjentement laqgħu għandhom oġġett (arma) akkwistat b'reat (u cioe' mis-serq).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov, ħatja ta' riċettazzjoni, talli fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) u/jew f'Marzu u/jew f'April tas-sena elfejn u sittax, fl-Armier, limiti tal-Mellieħa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer xjentement laqgħu għandhom oġġett (arma) akkwistat b'reat, u cioe' arma misruqa.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija minn **ħames xhur sa tliet snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 334(a), 279(a), 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**Illi l-Avukat Generali fis-Seba' Kap ipremetta:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), waqt li t-tliet malviventi kienu qegħdin iwettqu s-serqa minn ġewwa l-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, huma kellhom arma tan-nar fil-pussess tagħhom. Din l-arma tan-nar sussegwentement instabet fil-vettura tal-għamla Renault Clio bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE 918 li l-malviventi kienu ħarbu biha minn fuq il-post. Illi minn ezamijiet li saru fuq din l-istess arma mill-espert maħtur mill-Qorti

PC 1525 Patrick Farrugia rrizulta li din l-arma hija pistola tad-ditta *Weirauch*, mudell HW 45 u għandha n-numru serjali 406908.

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, kif ukoll mix-xogħol li sar mill-esperti tal-forensika, fosthom xogħol ta' analizi fuq DNA, ġew individwati l-akkużati Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov bħala tnejn mill-persuni li kienu nvoluti fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, bil-persuna jew persuni l-oħra jibqgħu mhux magħrufa.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov saru ħatja talli, fil-waqt li kienu qegħdin jagħmlu reat kontra l-persuna, jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta', kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov, ħatja talli, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, u/jew fl-Armier, limiti tal-Mellieħa fil-ħin li għamlu reat kontra l-persuna, jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta', kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' **mhux iżjed minn erba' snin** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-

artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tmien Kap ipremetta:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), waqt li t-tliet malviventi kienu qegħdin iwettqu s-serqa minn ġewwa l-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, huma kellhom arma tan-nar fil-pussess tagħhom. Din l-arma tan-nar sussegwentement instabet fil-vettura tal-għamla Renault Clio bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE 918 li l-malviventi kienu ħarbu biha minn fuq il-post. Illi minn ezamijiet li saru fuq din l-istess arma mill-espert maħtur mill-Qorti PC 1525 Patrick Farrugia rrizulta li din l-arma hija pistola tad-ditta *Weirauch*, mudell HW 45 u għandha n-numru serjali 406908.

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, kif ukoll mix-xogħol li sar mill-esperti tal-forensika, fosthom xogħol ta' analizi fuq DNA, ġew individwati l-akkużati Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov bħala tnejn mill-persuni li kienu nvoluti fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, bil-persuna jew persuni l-oħra jibqgħu mhux magħrufa.

Illi b'hekk l-akkużati Mangion u Zekic kienu fil-pussess ta' arma tan-nar meta huma ma kinux debitament liċenzjati mill-Kummissarju tal-Pulizija

Illi b'għemilhom l-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov saru ħatja talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, żammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess jew kontroll tagħhom, jew

ġarrew barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu, xi arma tan-nar jew munizzjon.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov, ħatja talli, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, u/jew fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, żammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess jew kontroll tagħhom, jew ġarrew barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu, xi arma tan-nar jew munizzjon, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' **mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn ħames snin** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1), 51(2), 56, 57, 60 u 61 ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużati.

**Illi l-Avukat Generali fid-Disa' Kap ipremetta:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), waqt li t-tliet malviventi kienu qegħdin iwettqu s-serqa minn ġewwa l-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, huma kellhom arma tan-nar fil-pussess tagħhom. Din l-arma tan-nar sussegwentement instabet fil-vettura tal-għamla Renault Clio bin-

numru ta' reġistrazzjoni GBE 918 li l-malviventi kienu ħarbu biha minn fuq il-post. Illi minn ezamijiet li saru fuq din l-istess arma mill-espert maħtur mill-Qorti PC 1525 Patrick Farrugia rrizulta li din l-arma hija pistola tad-ditta *Weirauch*, mudell HW 45 u għandha n-numru serjali 406908.

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, kif ukoll mix-xogħol li sar mill-esperti tal-forensika, fosthom xogħol ta' analizi fuq DNA, ġew individwati l-akkużati Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov bħala tnejn mill-persuni li kienu nvoluti fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, bil-persuna jew persuni l-oħra jibqgħu mhux magħrufa.

Illi l-akkużati Mangion u Zekic ma avżawx lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih malli akkwistaw jew ġiet f'idejhom din l-arma tan-nar.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov saru ħatja talli, bħala persuni li akkwistaw jew ġiet f'idejhom arma tan-nar, jew munizzjon, xort'oħra milli għax ikollhom liċenzja, naqsu li javżaw minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmija Andrew Mangion u Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov, ħatja talli, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-*boathouse* numru erbgħa (4), bl-isem ta' Birbal, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, u/jew fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, bħala persuni li

akkwistaw jew ġiet f'idejhom arma tan-nar, jew munizzjon, xort'oħra milli għax ikollhom liċenzja, naqsu li javżaw minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija għal **mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu(232.94) jew il-multa u priġunerija flimkien** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41, 51(8), 56, 57, 60 u 61 ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużati.

**Illi l-Avukat Generali fl-Ghaxar u l-ahhar Kap ipremetta:**

Illi waqt il-kommissjoni tar-reati mertu tal-Kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuza u cioe' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), irrizulta li l-akkuzat Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov kien qiegħed igawdi mill-ħelsien mill-arrest mogħtli lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'kawża oħra kontriħ fl-ismijiet *Pulizija vs Kristijan Zekic et.* Il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kienu ġew imposti fuqu permezz ta' digriet li kien ingħata mill-Qorti Kriminali f'Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) u waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuq l-akkuzat kienet dik li ma jistax jikkometti reat ieħor ta' natura volontarja waqt it-tgawdija ta' dawn il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Illi bl-għemil tiegħu mertu tal-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' akkuza, l-akkuzat Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov ikkometta iktar minn reat wieħed ta' natura volontarja

fil-perjodu meta huwa kien qiegħed igawdi l-ħelsien mill-arrest bi ksur tal-istess kondizzjonijiet.

Illi b'għemilu l-imsemmi Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov sar ħati talli naqas milli josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, jew waqt li kien meħlus mill-arrest ikkometta delitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi Kristijan Zekic ukoll magħruf bħala Adamjon Niyazov, ħati talli fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), naqas milli josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li ngħata f'Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest, jew waqt li kien meħlus mill-arrest ikkometta dellitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal zmien ta' **erba' xhur sa sentejn jew għal multa u priġunerija flimkien**, kif ukoll l-konfrisa favur il-Gvern tal-ammont stabblit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 579(1)(2), 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużat.

Rat illi l-akkuzat Andrew Mangion fl-4 t'April 2022 ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u dan fiz-zmien premess mill-ligi u fejn flimkien mal-lista tax-xhieda tieghu eccepixxa is-segwenti:

1. In-nullita' tal-ewwel (1) Kap tal-Att t'Akkuża billi jinkludi assunzjonijiet u konġenturi li ma joħorgux mill-atti tal-Istruttorja, senjata fejn hemm allegat li l-akkużat wettaq serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt li kienu l-istess derubati Elena Calin u John Scerri li fi xhieda tagħhom tennew li kienu tlett (3) persuni ta' nazzjonalita` barranija u dan għaliex bdew jitklemu b'lingwa u ton li tixbah dik tal-pajjiżi tal-Lvant, u di piu tifli kemm tfili l-atti proċesswali imkien ma jemerġu ebda evidenza li b'xi mod torbot lill-akkużat Andrew Mangion ma xena tad-delitt;

2. In-nullita tat-tieni (2) Kap tal-Att t'Akkuża billi jinkludi assunzjonijiet u konġenturi li ma joħorgux mill-atti tal-Istruttorja, senjata fejn hemm allegat li l-akkużat arresta, żamma jew sekwestru ta' Elena Calin u John Scerri kontra l-volonta`tagħhom. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt li kienu l-istess derubati Elena Calin u John Scerri li fi xhieda tagħhom tennew li kienu tlett (3) persuni ta' nazzjonalita` barranija u dan għaliex bdew jitklemu b'lingwa barranija u ton li tixbah dik tal-pajjiżi tal-Lvant, u *di piu* tifli kemm tfili l-atti proċesswali imkien ma jemerġu ebda evidenza lanqas dawk forensiċi li b'xi mod torbot lill-akkużat Andrew Mangion ma xena tad-delitt;

3. In-nullita tat-tielet (3) Kap tal-Att t'Akkuża billi jinkludi assunzjonijiet u konġenturi li ma joħorgux mill-atti tal-Istruttorja, senjata fejn hemm allegat li l-akkużat wettaq feriti gravi fuq il-persuna ta' John Scerri. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt li kienu l-istess derubati Elena Calin u John Scerri li fi xhieda tagħhom tennew li kienu tlett (3) persuni ta' nazzjonalita` barranija u dan għaliex bdew jitklemu b'lingwa u ton li tixbah dik tal-pajjiżi tal-Lvant, u *di piu* tifli kemm tfili l-atti proċesswali imkien ma

jemerġu ebda evidenza lanqas dawk forensiċi li b'xi mod torbot lill-akkużat Andrew Mangion ma xena tad-delitt;

4. In-nullita tar-raba' (4) Kap tal-Att t'Akkuża billi jinkludi assunzjonijiet u konġenturi li ma joħorgux mill-atti tal-Istruttorja, senjata fejn hemm allegat li l-akkużat wettaq feriti ħfief fuq il-persuna ta' Elena Calin. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt li kienu l-istess derubati Elena Calin u John Scerri li fi xhieda tagħhom tennew li kienu tlett (3) persuni ta' nazzjonalita` barranija u dan għaliex bdew jitklemu b'lingwa u ton li tixbah dik tal-pajjiżi tal-Lvant, u *di piu* tifli kemm tfili l-atti proċesswali imkien ma jemerġu ebda evidenza lanqas dawk forensiċi li b'xi mod torbot lill-akkużat Andrew Mangion ma xena tad-delitt;

5. In-nullita tal-ħames (5) Kap tal-Att t'Akkuża billi jinkludi assunzjonijiet u konġenturi li ma joħorgux mill-atti tal-Istruttorja, senjata fejn hemm allegat li l-akkużat wettaq Ħsara Volotarja. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt li kienu l-istess derubati Elena Calin u John Scerri li fi xhieda tagħhom tennew li kienu tlett (3) persuni ta' nazzjonalita` barranija u dan għaliex bdew jitklemu b'lingwa u ton li tixbah dik tal-pajjiżi tal-Lvant, u *di piu* tifli kemm tfili l-atti proċesswali imkien ma jemerġu ebda evidenza lanqas dawk forensiċi li b'xi mod torbot lill-akkużat Andrew Mangion ma xena tad-delitt;

6. In-nullita tal-sitt (6) Kap tal-Att t'Akkuża billi jinkludi assunzjonijiet u konġenturi li ma joħorgux mill-atti tal-Istruttorja, senjata fejn hemm allegat li l-akkużat wettaq Riċettazzjoni. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt li kienu l-istess derubati Elena Calin u John Scerri li fi xhieda tagħhom tennew li kienu tlett (3) persuni ta' nazzjonalita` barranija u dan għaliex bdew jitklemu b'lingwa u ton li tixbah dik tal-pajjiżi tal-Lvant, u *di piu* tifli

kemm tfili l-atti proċesswali imkien ma jemerġu ebda evidenza, lanqas dawk forensiċi u/jew analiżi ta' DNA li b'xi mod torbot lill-akkużat Andrew Mangion ma xena tad-delitt u kif ukoll ma' serqa tal-vettura Renault Clio numru ta' registrazzjoni GBE 918;

7. In-nullita tas-sebgħa (7) Kap tal-Att t'Akkuża billi jinkludi assunzjonijiet u konġenturi li ma joħorgux mill-atti tal-Istruttorja, senjata fejn hemm allegat li l-akkużat kellu arma tan-nar fuq il-persuna waqt il-kommissjoni ta' reat, kif ukoll li l-akkużat kellu fil-pussess arma tan-nar mingħajr liċenzja u li l-istess arma ingarret mingħajr ma avvża lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih malli akkwista jew giet f'idejh din l-arma tan-nar. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt li kienu l-istess derubati Elena Calin u John Scerri li fi xhieda tagħhom tennew li kienu tlett (3) persuni ta' nazzjonalita` barranija u dan għaliex bdew jitklemu b'lingwa u ton li tixbah dik tal-pajjiżi tal-Lvant, u *di piu* l-istess derubati ma jsemmux li l-aggressuri kellhom fil-pussess tagħhom arma ta' nar. Oltre dan kollu tifli kemm tfili l-atti proċesswali imkien ma jemerġu ebda evidenza, lanqas dawk forensiċi u/jew analiżi ta' DNA li b'xi mod torbot lill-akkużat Andrew Mangion ma xena tad-delitt u mal-allegata arma tan-nar;

8. In-nullita tat-tmienja (8) Kap tal-Att t'Akkuża billi jinkludi assunzjonijiet u konġenturi li ma joħorgux mill-atti tal-Istruttorja, senjata fejn hemm allegat li l-akkużat kellu arma tan-nar fuq il-persuna waqt il-kommissjoni ta' reat, kif ukoll li l-akkużat kellu fil-pussess arma tan-nar mingħajr liċenzja u li l-istess arma ingarret mingħajr ma avvża lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih malli akkwista jew giet f'idejh din l-arma tan-nar. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt li kienu l-istess derubati Elena Calin u John Scerri li fi xhieda tagħhom tennew li kienu tlett (3) persuni ta' nazzjonalita` barranija u dan għaliex bdew jitklemu b'lingwa u ton li tixbah dik tal-

pajjiżi tal-Lvant, u *di piu* l-istess derubati ma jsemmux li l-aggressuri kellhom fil-pussess tagħhom arma ta' nar. Oltre dan kollu tifli kemm tfili l-atti proċesswali imkien ma jemerġu ebda evidenza, lanqas dawk forensiċi u/jew analiżi ta' DNA li b'xi mod torbot lill-akkużat Andrew Mangion ma xena tad-delitt u mal-allegata arma tan-nar;

9. In-nullita tad-disa' (9) Kap tal-Att t'Akkuża billi jinkludi assunzjonijiet u konġenturi li ma joħorgux mill-atti tal-Istruttorja, senjata fejn hemm allegat li l-akkużat kellu arma tan-nar fuq il-persuna waqt il-kommissjoni ta' reat, kif ukoll li l-akkużat kellu fil-pussess arma tan-nar mingħajr liċenzja u li l-istess arma ingarret mingħajr ma avvża lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih malli akkwista jew giet f'idejh din l-arma tan-nar. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt li kienu l-istess derubati Elena Calin u John Scerri li fi xhieda tagħhom tennew li kienu tlett (3) persuni ta' nazzjonalita` barranija u dan għaliex bdew jitklemu b'lingwa u ton tixbah dik tal-pajjiżi tal-Lvant, u *di piu* l-istess derubati ma jsemmux li l-aggressuri kellhom fil-pussess tagħhom arma ta' nar. Oltre dan kollu tifli kemm tfili l-atti proċesswali imkien ma jemerġu ebda evidenza, lanqas dawk forensiċi u/jew analiżi ta' DNA li b'xi mod torbot lill-akkużat Andrew Mangion ma xena tad-delitt u mal-allegata arma tan-nar;

**Inammissibilita' ta' Provi**

1. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' kull prova u referenza għall-passat u/jew karattru refrettarju tal-imputat inkluz l-istqarrija a fol 801 fejn issir referenza għall-każ ieħor li ma għandu xejn x'jaqsam mal-każ odjern;

2. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' kull prova u referenza għall-passat u/jew karatru refrettarju inkluz il-fedina penali tal-imputat;

3. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' kull prova u referenza għall-passat refrettarju, karattru u/ jew allegati reati oħra kommessi mill-imputat inkluż kwalunkwe refrenza li ssir ghall-każ 'Il-Pulizija (Spt. Keith Arnaud) vs Andrew Mangion', inkluż l-inkjesta dwar gisem ta' persuna femminili li kien instab ġewwa garaxx fit-Triq Kummerċ Hal- Qormi, nhar it-3 ta' Lulju, 2016 inkluż xhieda fl-istess inkjesta u/jew xhieda ohra li depponew, rapporti, relazzjonijiet ta' esperti u dokumenti kollha esebiti fl-istess inkluż xhieda ta Stephania Calafato Testa a fol 26, ix-xhieda ta' Spettur Saviour Baldacchino fejn isemmi każ ieħor a fol 169, inkluż ukoll ix-xhieda L-Ispettur Keith Arnaud A fol 663 et seq li taghmel referenza għall- istess passat u/jew karattru refrettarju tal-akkużat, ix-xhied ta Marisa Gauci A fol 726, ix-xhieda ta' Julian Grech A fol 731, ix-xhieda ta' Diandra Zerafa A fol 930 u dokumenti li hija esebit, xhieda ta PS 659 Jeffrey Hughes u PC1525 Patrick Farrugia A fol 1146 et seq u r-relazzjoni tal-istess esperti Dok.HFP, xhieda ta PS826 a fol 1332 et seq u dok MP2 mill-Laboratorju ta xjenza forensika, xhied ta Direttur tal-Qorti Kriminali Eunice Grech Fiorini A fol 1476 segwit bi rapport ta Dr Marisa Cassar Dok. EGF u sussegwentment l-estensjoni tal-inkarigu moghti lilha a fol 1550, xhieda ta' PC 431 William Galea a fol 1622, xhieda ta' PC 837 Daniel Zammit, xhieda ta' Maria Dolores Fenech a fol 1630, xhieda ta' PS 125 Malcolm Mifsud a fol 1726 et seq;

4. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' kull prova u referenza għall-passat u/jew karatru refrettarju, xhieda ta WPC59 Abigail Couldrey a fol 716 et seq; ix-xhieda ta' Spettur Saviour Baldacchino fejn isemmi kas iehor a fol 169;

5. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz tax-xhieda u dokumenti esebiti minn Doris Vella Cassia a fol 1765 et seq stante li ma gietx ezentata mill-Onorabbli Qorti bħala Qorti Istruttorja mis-sigriet professjonali kif tikontempla l-liġi ai termini tal-Artikolu 642 (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' tad-deposizzjoni tal-allegat vittima **Armando Primo Casagrande** (deposizzjoni li huwa ta lill-Perit Nicholas Mallia) a fol 292 u kif ukoll id-dokument preparat minnu inserit a fol 296 tal-atti processwali, ix-xhieda ta' **Corrado Casagrande** li saret refereza ghalija a fol 252 kif ukoll a fol 293 (deposizzjoni li huwa ta lill-Perit Nicholas Mallia), u x-xhieda ta' **Ida Cutugno** a fol 248 inkluz ukoll l-isfilz ta' kull fejn fl-atti processwali saret referenza ghall-istess testimonjanza inkluz ir-relazzjoni tal-Perit Nicholas Mallia A fol 291 li jitfa dawl fuq it-testimonjanza ta' **Armando Primo Casagrande u Corrado Casagrande,** inkluz ukoll ir-rapport ta' Spettur Trevor Micallef fl-atti tal-'Inkjesta dwar serqa minn gewwa Julianne, Triq Josef Kalleya, Is-Swieqi, nhar il-25 ta' Mrazzu, 2016', fejn ha l-verżjoni tax-xhieda tal-allegati derubati **Armando Primo Casagrande u Ida Cutugno,** a fol 248 u sussegwentement ix-xhieda tal-Spettur Trevor Micallef a fol 773 minhabba li l-fatt li d-difiża kienet għal kollox prekluża milli tagħmel domandi in kontro eżami lix-xhieda imsemmija u dana bi ksur tal-Artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzzjoni Ewropeja ta' Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 (6)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

7. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' dik il-parti tad-deposizzjoni tal-Ispettur Saviour Baldacchino fejn jitkellem dwar l-allegat verżjoni li ta' Adamjon Niyazov maghruf ukoll bhala Kristjan Zekic *unrecorded* a fol 170

et seq, inkluż ukoll dik il-parti tad-deposizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud A fol 672 et seq u kif ukol 684 et seq fejn l-istess jitkellem dwar l-allegat verżjoni li ta' Kristjan Zekic mhux irrekordjata, tikkostitwixxi bhala prova mhux ammissibli stante li hija*'detto del detto'* u ma tista qatt tigi pruvata għaliex din il-verżjoni ma taħliex l-istess Kristjan Zekic waqt istqarrija u għalhekk ma hijiex recorded kif tikontempla l-liġi;

8. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' dik il-parti tad-deposizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud waqt l-udjenza ta' nhar it-23 ta' Jannar, 2018 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja a fol. 665, 666, 676, 681 u 682 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni fejn xehed dwar data connection. Tali sfilz qiegħed jintalab, fost affarijiet oħra, billi:

    a. tali xhieda hija fl-aħjar ipoteżi *hearsay*;

    b. l-Ispettur Keith Arnaud ma għandu l-ebda tagħrif jew ħila speċjali fejn tidħol elettronika; u

    c. l-Ispettur Keith Arnaud qiegħed jagħti tagħrif tekniku daqs illi kieku kien espert tekniku meta qatt ma ġie maħtur bħala tali espert mill-Qorti jew mill-Maġistrat Inkwerenti għal dan l-iskop;

9. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' kull fejn issir referenzza għall-basket tal- Lidl stante li l-istess basket jisemgħha f' każ ieħor, 'Il-Pulizija (Spt. Keith Arnaud) vs Andrew Mangion'. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt ukoll illi hemm dubju serjissmu li demm jista' jkun ta' Eleanor Mangion u mhux ta' John Scerri kif allegat fil-każ odjern, dan skond ix-xhieda tal-Ispettur Kieth Arnoud a fol 44 u a fol 45 tal-każ l-ieħor.

Rat illi l-akkuzat Adhamjon Niyazov maghruf ukoll bhala Kristijan Zekic fil-11 t'April 2022 ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u dan fiz-zmien premess mill-ligi u fejn flimkien mal-lista tax-xhieda tieghu eccepixxa is-segwenti:

1. Illi l-procedura kollha tal-kumpilazzjoni hija nulla, u dan peress illi kif jirrizulta minn l-atti processwali, is-sustanza tax-xhieda suppost ittiehdet b'mezzi elettrono-manjetici kif jipprovdi l-Att Dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetici, u kif ukoll ordnat mill-Maigstrat Sedenti, izda minkejja dan kollu, x-xhieda giet xorta registrata b'mezzi digitali;

2. Illi l-ezami tal-akkuzat huwa null, u konsegwentement dak kollu li jsegwi l-istess ezami huwa wkoll null u bla effett fil-konfront tal-akkuzat u dan kif ser jigi spjegat ahjar, senjatament peress li sar a bazi ta' identita' li skond l-Ufficjali prosekuturi stess hija wahda dubjuza. Filfatt, l-Ispettur Saviour Baldacchino fix-xhieda tieghu matul il-proceduri, xehed illi kienu sa anke wara li bdiet il-kumpilazzjoni dubjuzi dwar dik li hija l-vera identita' tal-persuna akkuzata, tant illi fl-Att t'Akkuza hemm indikati zewg ismijiet b'konnotati kompletament differenti minn xulxin. Illi fl-umli fehma tal-akkuzat dan igib mieghu ukoll in-nullita' tal-Att t'Akkuza fejn ma jistax ikollok indikati diversi konnotati li suppost jirreferu ghall-istess persuna akkuzata. Il-fatt illi l-prosekuzzjoni qatt ma ezebiet ic-certifikat tat-twelid tal-akkuzat, filwaqt li ezebiet anke zewg fedini penali, wahda bl-isem ta' 'Zekic u l-ohra ta' Niyazov, jkompli jsahhah it-tezi tad-difiza dwar id-dubju fuq l-identita' tal-persuna akkuzata. Illi jigi sottomess ulterjorment illi prova tal-identita' ma saritx kif titlob il-ligi;

   Illi tul l-atti processwali kollha l-prosekuzzjoni taghmel referenza ghall-identita' tal-akkuzat bhala Adhamjon Niyazov u taghmel referenza cara

ukoll illi l-isem Kristijan Zekic hija identita' falza li l-esponent kien qieghed juza u dan huwa evidenzjat bis-segwenti:

L-okkjo tal-Att tal-Akkuza stress jaqra l-konnotati tal-esponent bhala Adhamjon Niyazov maghruf bhala Kristijan Zekic;

Fl-ewwel seduta tal-istruttorja a fol 21 tal-atti processwali, il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuza fejn ikkoregiet "u li huwa maghruf ukoll b'isem ta'" u a fol 22 "Qabel il-15-il imputazzjoni jiddahhlu l-kliem "*lil Adhamjon Niyazov maghruf ukoll bhala Krisitjan Zekic wahdu*".

Fit-testimonjanza tal-ispettur Saviour Baldacchino a fol 168 jaghmel referenza ghal-esponent bis-segwenti "*Fil-fatt, skond investigazzjonijiet ulterjuri li saru min-naha tal-forensika, dawn gew imqabblin mad-DNA ta' Adam John Niasov li mal-Pulizija ukoll maghruf bhala Christian Zekic*";

Sussegwentement l-ispettur Saviour Baldacchino a fol 639 tal-atti processwali, din id-darba fil-vesti ta' Ufficjal Prosekutur, waqt trattazzjoni ghal talba tal-helsien mill-arrest mill-patrocinju difensiv tal-esponent, fuq dan is-suggett qal is-segwenti: "*Iva, dik hija proprjament il-problema ghaliex Zekic huwa ghadna ma nafux jekk hux Zekic jew Adomzonjazov jigifierif uq dak ghadna ma nafux*".

Illi a fol 643 tal-atti processwali f'risposta ghal Rikors fejn id-Difiza tal-esponent tablet il-helsien mill-arrest, l-Avukat Generali jikteb is-segwenti: "*Illi l-esponent jinsab infurmat mill-Ufficjal Prosekutur li l-identita' Kristian Zekic li kienet qieghda tintuza mir-rikorrent gewwa pajjizna, kif ukoll quddiem il-Qrati nostrana rrizulta li kienet identita' falza u ma kienitx l-identita' vera tar-rikorrent*".

**Illi pero' l-identita' li fuqha sar l-ezami tal-esponent a fol 24 tal-atti processwali hija unikament dik ta' Kristian Zekic.**

3. Illi l-inkjesta esebita a fol 26 tal-atti processwali bl-isem "*Gisem ta' persuna femminili li kien instab gewwa garaxx fi triq il-Kummerc Hal-Qormi nhar it-3 ta' Lulju 2016*", hija inammissibbli stante illi ma tharsux ir-rekwiziti procedurali sanciti fil-Kodici Kriminali sabiex l-istess inkjesta giet esebita fl-atti tal-kawza odjerna, senjatament peress illi l-kopja kellha l-ewwel tigi prezentata minn l-Avukat Generali u mhux mid-Deputat Registratur Stephania Testa. Illi f'dan ir-rigward l-artikolu 518 tal-Kodici Kriminali jiddetta s-segwenti: "*L-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' gustizzja kriminali ma jistghux jintwerew lil hadd, lanqas ma jistghu jinghataw kopji taghhom, minghajr permess specjali tal-qorti, hlief lill-Avukat Generali, lill-partijiet fil-kawza jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqrw fil-qorti bil-miftuh, jista' jarahom kull min irid u jistghu jinghataw kopji taghhom, bil-hlas tad-dritt soltu: Izda **processi verbali u kull xiehda u dokumenti mdahhlin maghhom** ghandhom jintewerew, u **kopji taghhom jinghataw, biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Generali** u bil-hlas ta' dawk id-deittijiet jistghu jigu stabbiliti mill-Ministru ghall-gustizzja skont l-artikolu 695:*".

Illi, ghalhekk huwa car illi sabiex gew ezebiti l-atti ta' din l-inkjesta ma giex segwita l-procedura stipulata fil-ligi fejn suppost il-Pulizija Ezekuttia qua prosekutur ghamlet Nota lill-Avukat Generali, fejn titolbu li jezebixxi tali Inkjesta, biex umbghad da parti tieghu, l-Avukat Generali jezebiha permezz ta' nota ohra, kif filfatt gara f'dan il-kaz stress meta f'dawn l-istess atti gie ezebit il-Proces Verbal bin-numru 669/17 dwar "*Inkjesta dwar Serqaminn gewwa Julianne Triq Josef Kalleja, Swieqi nhar il-25 ta' Marzu 2016*").

Dunque l-inkjesta esebita a fol 26 tal-atti processwali bl-isem "*Gisem ta' persuna femminili li kien instab gewwa garaxx fi triq il-Kummerc Hal-Qorminhar it-3 ta' Lulju*

*2016"*, kif ukoll kull xhieda u evidenza rizultanti minn l-istess inkjesta, u cioe' inkluz kull xhieda fl-istess inkjesta u/jew xhieda ohra li depponew, rapport, relazzjonijiet ta' esperti u dokumenti kollha esebitif l-istess inkluz xhieda ta' Stephania Calafato Testa a fol 26, ix-xhieda ta' Spettur Saviour Baldacchino fejn isemmi kaz iehor a fol 169, inkluz ukoll ix-xhieda l-Ispettur Keith Arnaud a fol 663 et seq li taghmel referenza ghall-istess passat u/jew karattru refrettarju tal-akkuzat, ix-xhieda ta' Marisa Gauci a fol 726, ix-xhieda ta' Julian Grech a fol 731, ix-xhieda ta' Diandra Zerafa a fol 930 u dokumenti li hija esebit, xhieda ta' PS 659 Jeffrey Hughes u PC 1525 Patrick Farrugia a fol 1146 et seq u r-relazzjoni tal-istess esperti Dok. HFP, xhieda ta' PS 826 a fol 1332 et seq u dok MP2 mill-Laboratorju ta' xjenza forensika, xhieda ta' Direttur tal-Qorti Kriminali Eunice Grech Fiorini a fol 1476 segwit bir-rapport ta' Dr. Marisa Cassar Dok EGF u sussegwentement l-estensjoni tal-inkarigu moghti lilha a fol 1550, xhieda ta' PC 431 William Galea a fol 1622, xhieda ta' PC 837 Daniel Zammit, xhieda ta' Maria Dolores Fenech a fol 1630, xhieda ta' PS 125 Malcolm Mifsud a fol 1726 et seq;

4. Illi l-istqarrijiet tal-esponent esebiti a fol 688 et seq tal-process, mill-Ufficjal Prosekutur, is-Super Keith Arnaud ma humiex validi ghar-raguni li l-Pulizija ma segwietx il-procedura dettata mil-Ligi fic-cirkostanza meta s-suspettat jaghzel li ma jkollux avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni;

Illi jigi spjegat illi l-istqarrijiet ittiehdu fil-11 u 12 ta' Lulju 2017 fejn ir-regim tal-ligi dwar assistenza legali waqt l-arrest kien dak shih, u cioe' li s-suspettati kellhom id-dritt tal-prezenza tal-Avukat jew Prokuratur Legali tal-ghazla taghhom waqt l-interrogazzjoni in forza tal-ATT Nru LI tal-2016 datat 28 ta' Novembru 2016 illi dahhal fis-sehh Direttiva 2016/1919/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar ghajnuna legali ghal persuni ssuspettati u akkuzati fi procedimenti kriminali u ghal persuni rijesti fi procedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew;

Illi llum Super Arnaud, fix-xhieda tieghu a fol 683 tal-atti processwali in kontro-ezami jghid illi l-esponent "*ghazel li ma jkollux*" avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni tieghu pero' ma jirrizulta minn imkien illi rrekordja dan il-fatt bil-miktub fil-prezenza ta' zewg xhieda bis-solita dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali; Dunque l-istqarrijiet tal-esponent esebiti a fol 688 u kull traskrizzjoni taghhom ghandhom jigu dikjarati inammissibbli u jigu sfilzati ghar-ragunijiet hawn fuq imressqa f'din l-eccezzjoni.

5. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' kull prova u referenza ghall-passat u/jew karattru refrettarju tal-akkuzat kull fejn issir referenza ghall-precedenti, kaz jew kazijiet ohrajn kemm pendenti, kaz jew kazijiet ohrajn kemm pendenti u kemm decizi fil-konfront tal-akkuzat;

6. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz tax-xhieda u dokumenti esebiti minn Doris Vella Cassia a fol 1765 et seq stante li ma gietx ezentata mill-Onorabbli Qorti bhala Qorti Istruttorja mis-sigriet professjonali kif tikkontempla l-ligi ai termini tal-Artikolu 642(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. L-inammissibbilita' u l-konsgwenti sfilz ta' tad-deposizzjoni tal-allegat vittma fi procedura ohra ossia Armando Primo Casagrande (deposizzjoni li huwa ta lill-Perit Nicholas Mallia) a fol 292 u kif ukoll id-dokument preparat minnu inserit a fol 296 tal-atti processwali, ix-xhieda ta' Corrado Casagrande li saret referenza ghalija a fol 252 kif ukoll a fol 293 (deposizzjoni li huwa ta lill-Perit Nicholas Mallia), u x-xhieda ta' Ida Cutugno a fol 248 inkluz ukoll l-isfilz ta' kull fejn fl-atti processwali saret referenza ghall-istess testimonjanza inkluz ir-relazzjoni tal-Perit Nicholas Mallia a fol 291 li jitfa dawl fuq it-testimonjanza ta' Armando Primo Casagrande u Corrado Casagrande, inkluz

ukoll ir-rapport ta' Spettur Trevor Micallef fl-atti tal-inkjesta dwar serqa minn gewwa Julianne, Triq Josef Kalleya, is-Swieqi, nhar il-25 ta' Marzu 2016, fejn ha l-verzjoni tax-xhieda tal-allegati derubati Armando Primo Casagrande u Ida Cutugno, a fol 248 u sussegwentement ix-xhieda tal-Ispettur Trevor Micallef a fol 773 minhabba li l-fatt li d-difiza kienet ghal kollox prekluza milli taghmel domandi in kontro-ezami lix-xhieda imsemmija u dana bi ksur tal-Artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropeja ta' Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

8. Illi jezisti difett proceduralі serju li jgib mieghu n-nullita' tal-proceduri odjerni u dan peress illi n-nomina tal-esperti kollha mahtura fl-inkjesta rigwardanti dan il-kaz stress, enumerata 716/2017 u bl-isem "Allegat serqa b'sekwestru ta' persuni u feriti ta' natura gravi gewwa Boat House 4, 'Birbal', Triq il-Brieqex l/o Armier, Mellieha nhar is-27 ta' April 2016, qatt ma giet konfermata mill-Magistrat sedentif il-kawza odjerna;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi, jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semghet lill-partijiet jitrattaw dawn l-eccezzjonijiet u dan fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi fl-ewwel disa' eccezzjonijiet preliminari l-akkuzat Andrew Mangion qieghed jecepixxi n-nullita' tal-kapi tal-akkuza min-numru wiehed (1) san-numru disgha (9) u dan stante l-fatt li dawn jinkludu assunzjonijiet u kongenturi li ma johorgux

mill-atti tal-Istruttorja. Din il-Qorti ghalhekk sejra taghmel referenza ghall-Artikolu 589 tal-Kodici Kriminali li jistipula s-segwenti:

> *589. L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –*
>
> *(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;*
>
> *(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;*
>
> *(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u*
>
> *(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużatskont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabilizzata mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat.*

Dan l-Artikolu tal-ligi hekk kif indikat *supra*, gie citat f'diversi sentenzi fosthom dik ta' **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Malcolm Joseph Falzon**[1] fejn gie ritenut is-segwenti:

---

[1] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-19 ta' Mejju, 2022.

*4. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mill-appellant. Fl-Artikolu 589 il-Kodiċi Kriminali jelenka x'għandu jkun fih l-Att ta' Akkuża. Fosthom hemm l-obbligu tal-Avukat Ġenerali li jagħmel l-espożizzjoni tal-fatti billi jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena. F'din l-esposizzjoni tal-fatt, l-Avukat Ġenerali hu konċess ċertu grad ta' liberta dwar kif jesponi dawn il-fatti, li pero jrid jirrifletti l-mod kif ikun fehem il-provi miġbura matul il-kors tal-proċess istruttorju. Biss din in-narrativa tiegħu ma tikkostitwix "il-prova" tal-fatt. Il-prova hija msejsa fuq dak li oġġettivament jirriżulta mill-evidenza li tkun ġiet miġbura matul l-istruttorja u li eventwalment jiġi preżentat fil-kors talġuri għall-ġudizzju tal-Ġurija. Din il-Qorti għalhekk f'din l-analiżi tagħha ma tistax tinoltra ruħha fuq dan l-aspett in kwantu mhix vestita bis-setgħa tal-ġudizzju dwar il-fatti tal-każ.* ***L-anqas tista' tistħarreġ jekk dik in-narrattiva tal-Avukat Ġenerali tirriżultax imsejsa jew imsaħħa mill-provi prodotti fl-istruttorja. Dik hija setgħa riżervata għall-ġudizzju tal-Ġurija. Fl-aħħar mill-aħħar dak li jgħodd u jorbot lil ġurati hija l-evidenza li tkun miġjuba lilhom u li toħroġ matul il-kors tal-ġuri.*** (enfasi ta' din il-Qorti)

*5. Fil-kawża tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt u Omissis*** *deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2021 intqal hekk:*

*25. Huwa ben risaput u kemm–il darba riaffermat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-liġi tħalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali biex ifassal l-Att ta' l-Akkuża u lkapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkużata. LAvukat Ġenerali huwa marbut b`dak li jgħid l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi hekk : "L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –*

*(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;*
*(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;*
*(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha rreat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u*
*(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex listess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."*

*26. Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Ġenerali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuża bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u l-ġurija popolari dejjem tiġi imwissija f'dan is-sens mill-Imħallef togat. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b'tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali jista' jiġi ppreġudikat il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ladarba huwa ser igħaddi proċess ġudizzjarju fejn ilProsekuzzjoni għandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkużi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuża, bid-dritt ta' l-*

*akkużat li jressaq difiża xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi li ġġib il-Prosekuzzjoni.*

*27. Issa jekk huwiex minnu illi l-appellant irċeva id-droga minn għand Ciantar fil-vettura tiegħu o meno, huwa fatt li jrid jiġi determinat mill-ġurati matul iċċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux minn din il-Qorti, u jekk allura l-appellant għandux jinsab ħati tar-reat li dwaru jinsab mixli f'dan il-Kap. Il-liġi ma tagħtix setgħa lil din il-Qorti illi tiddeċiedi jekk l-Avukat Ġenerali kellux raġun meta fil-parti narrattiva tasSitt Kap ta' l-Akkuża abbina dawk il-fatti li jemerġu mill-atti kkumpilati, kif minnu interpretati, mar-reat li bih huwa akkuża lill-appellant f'dan il-Kap.*

*…/…..*

*Dan il-kompitu ċertament ma jispettax lil din il-Qorti u lanqas lil Qorti Kriminali qabilha. Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dan it-tieni aggravju qed jiġi miċħud.*

*6. Għalhekk, l-iskop tal-Att ta' Akkuża mhux daqstant dak illi jorbot lill-ġurati bil-kontenut tiegħu iżda jservi biss sabiex l-akkużat permezz tal-fatti hemm elaborati jkun jista' jkollu stampa ċara tal-akkużi li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu b'mod li huwa jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.*

*7. L-Avukat Ġenerali jinkludi fl-ewwel żewġ paragrafi tal-parti narrativa tal-ewwel kap tal-Att ta' Akkuża lil ċertu Carmelo Luca, b'rabta ma' investigazzjoni li kienet qegħda ssir mill-Pulizija fuq suspett ta' ċirku ta' persuni nvoluti fin-negozju tad-*

*droga. L-Avukat Ġenerali jorbot lil dan Carmelo Luca mal-akkużat fl-isfond ta' riżultanzi investigattivi u probatorji li l-Avukat Ġenerali jgħid li l-Prosekuzzjoni ottjeniet u li kienet torbot lill-akkużat f'dak iċ-ċirklu ta' negozju fid-droga talabbuż. Din ir-rabta tal-akkużat FALZON ma' Luca ġiet imsemmija mill-Avukat Ġenerali fl-ewwel u fit-tieni paragrafi ta' dan l-ewwel Kap u ċjoe' f'dawn iż-żewġ paragrafi li l-akkużat qiegħed jittenta jħassar, fejn ingħad is-segwenti:*

*Apparti minn hekk u fl-istess ħinijiet waqt din l-osservazzjoni ġiet innutata persuna ħierġa mill-lukanda Sensi li tinsab fl-istess Triq il-Maħsel, Marsascala fejn din il-persuna kienet qed iġorr basket imdaqqas tal-karti. Din il-persuna ġiet innutata dieħla ġewwa għalqa viċin din il-lukanda fejn mumenti wara ġiet innutata ħierġa mill-istess għalqa iżda mingħajr dan il-basket. Meta l-pulizija avviċinaw lil din il-persuna fuq suspett raġonevoli li seta' kellu xi rabta mal-interċettazzjoni ta' Carmelo Luca li kien għadu kif ġie arrestat, hu ġie identifikat bħala Malcolm Joseph Falzon qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.*

*8. Att ta' Akkuża jista' jikkontjeni iżjed minn akkuża waħda kontra listess akkużat, u li dawn l-akkużi jridu jiġu kull Kap tal-Att ta' Akkuża huwa kapitolu separat għalih in kwantu l-artikolu 593(1) tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li : żewġ reati jew aktar magħmulin minn persuna waħda,għalkemm mhux konnessi bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta'akkuża wieħed u jiġu iġġudikati fl-istess kawża, għad li xi wieħedminn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri; meta jsir hekk, l-att tal-akkuża għandu jitqassam f'diversi kapi, u f'kull wieħedminnhom għandha titħares id-dispożizzjoni tal-artikolu 589.*

*9.Mill-banda l-oħra pero il-Liġi ma teskludix li fil-parti narrativa tagħhom dawn id-diversi Kapi jkunu jistgħu jkunu bażati fuq narrativa simili jew komuni. Fil-fatt bosta drabi hekk jiġri. Anke f'dan il-każ, jirriżulta li sar dan. Fil-fatt fit-tieni Kap tal-Att ta' Akkuża, lAvukat Ġenerali, dejjem b'referenza għall-fatti kif esposti fl-ewwel kap tal-istess Att ta' Akkuża, ikompli jibni fuq din in-narrattiva li tirrifletti t-teżi tiegħu tal-involviment tal-akkużat fl-istess ċirku taddroga li kien involut fih Carmelo Luca. Infatti fl-ewwel paragrafu tattieni Kap tal-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali jagħmel referenza għal stqarrija li jgħid li rrilaxxja Carmelo Luca u jżid is-segwenti:*

*Illi b'referenza għall-fatti kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-att ta' akkuża u ċjoe nhar it-28 ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), senjatament waqt l-investigazzjoni li għamlu l-pulizija wara l-arresti ta' Carmelo Luca kif ukoll tal-akkużat, irriżulta minn dak li kien iddikjara magħhom skond il-liġi Carmelo Luca illi parti mis-sustanza li kienet instabet fil-pussess tiegħu kien iddestinat għal Malcolm Falzon qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.*

*10. L-Avukat Ġenerali jibni t-teżi tiegħu li hemm rabta bejn dawn iż-żewġ persuni u s-sejbien ta' droga rispettiva.* ***Jekk din ir-rabta hix vera jew fittizja, jekk hix mibnija fuq provi sodi jew hix konġettura, jekk hix riferenza essenzjali għall-każ, kompletament superfluwa jew newtri, hi kwistjoni ta' fatt li hija rimessa lil ġudikanti tal-fatt jiddeċiedu dwarha u mhix għal din il-Qorti li tiddeċiedi. Dak li din il-Qorti tista' tgħid li dan l-ewwel Kap jissodisfa r-rekwiżiti bażiċi***

> ***ta' att akkużatorju li jista' jipproċedi għall-ġuri.*** (enfasi ta' din il-Qorti)
>
> *11. Għalhekk, din l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.*

Konsegwenza ta' dak indikat *supra*, ma tirrizulta l-ebda nullita' tal-ewwel disa' Kapi tal-Akkuza li jaqaw taht is-sezzjoni intitolata 'L-Att t' Akkuza' u ghalhekk l-eccezzjonijiet li jaqghu taht din is-sezzjoni intitolata 'l-Att t' Akkuza' w innumerati bin-numri, **wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sitta' (6), sebgha (7), tmienja (8) u disgha (9) qed jigu respinti.**

**Ikkunsidrat,**

It-tieni parti tan-nota tal-akkuzat Mangion tirrigwardja l-inammissibbilita' tal-provi. Ghalhekk din il-Qorti tixtieq tibda billi tghid illi hemm differenza bejn l-ammissibilta' ta' prova u l-valur probatorju u/jew l-attendibbilta' taghha. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et**[2] fejn gie ritenut hekk:

> ***'Issa meta l-Qorti tqies illi prova hija inammissibbli u ghalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-akkuzati qed ifittxu li jxejjnu tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbilita' taghha u mhux semplicement ghax huma jqiesuha bhala rrilevanti, kwistjoni din ta'l-ahhar li ghandha tigi rimessa***

[2] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.

> ***<u>biss ghal gudizzju tal-imhallfin tal-fatt u mhux lil din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proceduri.</u>'*** (enfasi ta' din il-Qorti)

Taht din is-sezzjoni t' inammissibilita' ta' provi, l-akkuzat Mangion qieghed iressaq numru t'eccezzjonijiet preliminari fejn qieghed jitlob li jigu ddikjarati inammissibli u sfilzati kull prova u referenza ghall-passat u/jew karattru refrettarju tal-istess akkuzat. **<u>Fl-ewwel eccezzjoni preliminari taht din is-sezzjoni</u>**, l-akkuzat Mangion qieghed jaghmel referenza wkoll ghall-istqarrija tieghu. Hawn hekk din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs John Attard</u>**[3] fejn kien gie ritenut is-segwenti:

> *'Illi l-principji regolaturi ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilita' tal-istqarrija tal-akkuzat huma s-sewgenti. Kull haga li l-akkuzat jistqarr , sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm , tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha , kemm il-darba jinsab li dik il-konfessjoni tkun giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghlha jew mehuda b'theddid jew biza' , jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi (Art. 658 tal-Kodici Kriminali). Jekk il-konfessjoni saritx volontarjament jew le hi kwistjoni li trid tigi deciza mill-gurati w mill-gurati biss . (ara. Appell Kriminali : "<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emmanuel Farrugia</u>" [20.1.1989] Kollez.Vol. LXXIII, p.5 Sect. I p 1036 u ohrajn.)*
>
> *Meta l-konfessjoni titnizzel bil-miktub fil-waqt li tigi maghmula, il-kitba ghandha tigi prezentata w biss jekk jigi pruvat li l-kitba giet meqruda jew mitlufa, issir prova bilfomm , sabiex tigi pruvata s-sustanza ta' dik il-konfessjoni . Pero' anki fejn ikun hemm konfessjoni bil-miktub xejn ma jimpedixxi li tittiehed bhala*

[3] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar ll-14 ta' Settembru, 2004.

*prova kull konfessjoni ohra bilfomm li tkun saret qabel jew wara (Art. 659). Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha w mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra (Art. 661 Kap.9).'*

Iktar il'quddiem fl-istess sentenza, b'referenza ghall-mistoqsija li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ghamel lill-akkuzat waqt l-interrogatorju, u dan tal-ahhar wiegeb ghaliha f'dan il-kuntest gie ritenut hekk:

*Fil-fehma tal-Qorti, dan ma kellux isir u zgur li ma ghandux jingieb a konjizzjoni tal-gurati ghaliex jista' jinfluwenzhom hazin kontra l-akkuzat. Hawn ma kienx il-kaz li l-akkuzat kien qed jigi rinfaccjat b' xi fatt li jikkoncerna l-kaz taht investigazzjoni – haga li l-Pulizija kien ikollha dritt shih li taghmel - imma kienet qed issir insistenza ripetuta fuq il-fatt li l-akkuzat kellu karattru perikoluz u li kellu fama kerha b' konnessjoni ma kazijiet ohra u mhux necessarjament b' konnessjoni mall-kaz li kien qed jigi investigat. Dan l-incident seta' jippregudika lill-gurati kontra l-akkuzat u peress li ma jzid xejn importanti mall-istqarrija, zgur li jkun aktar prudenti li ma jingiebx a konjizzjoni tal-gurati. Ghalhekk il-Qorti tiddisponi minn din l-oggezzjoni billi tordna li ghandha tithalla barra minn xi playback tar-recording tal-interrogatorju w mill-qari tat-traskrizzjoni taghha quddiem il-Qorti w mill-kopja tattraskrizzjoni li tista' eventwalment tinghata lill-gurati dik ilparti li tibda bil-kliem : "Kummissarju John Rizzo : Hawn min jghid…" ( linja 27 fol. 1017 ) sal-kliem "…f' daqqa, bumm" fil-linja 17 ta' fol. 1019 tal-process , kollox inkluz u xejn eskluz.*

Fil-kaz odjern, huwa minnu illi fl-istqarrija tal-akkuzat saret referenza ghall-kaz iehor tal-akkuzat, madankollu din il-Qorti ma tistax taqbel mal-akkuzat fejn dan qal illi dan il-kaz m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern. Minghajr ma tidhol fil-mertu taz-zewg kazijiet, din il-Qorti tirrimarka illi l-kaz l-iehor li l-akkuzat allegatment wkoll involut fih gie msemmi fl-istqarrija mhux sabiex jittappan il-karattru tal-akkuzat odjern izda ghax il-pulizija qeghdin jallegaw li dawn iz-zewg kazijiet jistghu jkunu konnessi billi d-DNA tad-derubat John Scerri f'dan il-kaz instab ukoll fuq baskett tal-Lidl li kien fil-vann tal-akkuzat li allegatament huwa konness ukoll mal-kaz l-iehor. Minkejja dan il-Qorti temmen illi kwalunkwe referenza ghall-kaz l-iehor u cioe, dak relatat mal-gisem ta' persuna femminili li nstab gewwa garaxx fi Triq il-Kummerc, Qormi, ma ghandux jibqa' inserit fl-istqarrija u eventwalment murija lill-gurati, salv ghad-domandi u t-twegibiet specifici li jikkoncernaw il-vettura u l-baskett tal-Lidl illi go l-istess vettura nstab u li allegatament kellu fuqu d-demm tal-vittma Scerri. Jekk dan hux minnu jew le, jithalla f'idejn l-imhallfin tal-fatt u cioe' l-gurati maghzula skond il-ligi u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat taht is-sezzjoni 'Inammissibilta' ta' provi' <u>qeghda tigi michuda salv ghal dik il-parti minima fl-istqarrija li tikkoncerna l-allegat omicidju ta' Elenor Mangion, liema parti ghandi tigi sfilzata</u>.

<u>**It-tieni eccezzjoni taht din l-istess sezzjoni ta' 'Inammissibbilta' ta' Provi'**</u> ukoll qeghda tenfasizza l-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' kull prova u referenza ghall-passat u/jew karattru refrettarju inkluz il-fedina penali tal-imputat. Din tal-ahhar ma tigix mghoddija lill-gurati. Il-fedina penali tkun esebita fl-atti biss sabiex jekk il-gurati jirritornaw b'verdett ta' htija, din il-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni taghha meta tigi sabiex terroga l-piena idoneja u dan ghaliex tista' sservi bhala riflessjoni tal-antecidenti tieghu. Konsegwentament din il-fedina penali ghandha tibqa' in atti ghar-raguni semplici sucitata u ghaldaqstant din l-eccezzjoni preliminari wkoll qeghda tigi michuda.

Isegwi illi ghall-istess ragunijiet moghtija *supra*, b'mod specjali l-ewwel eccezzjoni taht is-sezzjoni entitolata 'Inammissibilita' ta' Provi' din il-Qorti qeghda **tichad ukoll l-eccezzjoni numru disgha.** Jinghad pero' fir-rigward ta' din l-eccezzjoni fejn id-difiza tghid li l-Ispettur Arnaud a fol. 44 u 45 jghid li ghandu dubbju serju jekk id-demm misjub fuq il-basket tal-Lidl kienx ta' John Scerri jew ta' terza persuna hi kwistjoni t'apprezzament ta' fatt li ghandu jsir direttament mill-gurati u ghalhekk li hu zgur li f'dan l-istadju tal-proceduri l-Qorti m'ghandiex tordna l-isfilz ghar-referenza tal-basket tal-Lidl imsemmi fil-kaz l-iehor fl-ismijier 'il-Pulizija vs Andrew Mangion'.

Fir-rigward tal-**eccezzjoni numru tlieta** fejn id-difiza qed titlob l-isfilz tal-inkjesta dwar gisem ta' persuna feminnili li kien instab gewwa garaxx fi Triq il-Kummerc Hal Qormi, jinghad in primis illi bhala principju tali inkjesta m'ghandiex tigi esebita i*n toto*, f'dawn il-proceduri, izda ghandhom jigu esebiti dawk il-partijiet relatati u konessi **BISS** mal-kwistjoni tal-basket tal-Lidl misjub fil-van u kwalsiasi prova ohra relatata mar-reat konness ma' dik l-investigazzjoni m'ghandux jifforma parti minn dawn il-proceduri. Konsegwentament ir-relazzjonijiet u d-dokumenti esebiti minn diversi xhieda li m'ghandhomx x'jaqsmu ma' din il-prova *ut sic* ghandhom jigu sfilzati. Ghalhekk din il-Qorti taqbel li l-atti tal-inkjesta dwar gisem ta' persuna femminili li kien instab gewwa garaxx fi Triq il-Kummerc Hal Qormi, ghandhom jigu sfilzati u jithallew fl-atti **BISS** dik il-parti li tirrelata direttament mas-sejba tal-basket tal-Lidl stante li jista' jkollha *bearing* fuq il-kaz odjern. Dwar ix-xhieda tal-Ispettur Saviour Baldacchino jinghad illi fil-parti l-kbira taghha hija relatata mal-kaz odjern u r-referenza ghall-inkjesta dwar gisem ta' persuna feminnili li kien instab gewwa garaxx fi Triq il-Kummerc Hal Qormi, din hi limitata ghas-sejba tal-basket tal-Lidl li fuqha allegatament instab id-DNA tad-derubat Scerri u ghalhekk tali xhieda ghandha tibqa' inserita' fl-atti.

Dwar ix-xhieda ta' Stefania Calafato Testa din ghandha tigi sfilzata stante li tirrelata biss ghall-esebizzjoni tad-dokument ST li hija l-inkjesta dwar gisem ta' persuna feminnili li kien instab gewwa garaxx fi Triq il-Kummerc Hal Qormi u x-xhieda taghha ghalhekk ma titfa l-ebda prova diretta fuq il-proceduri odjerni.

Dwar ix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud jinghad illi jirrizulta li huwa kien l-Ufficjal investigattiv tar-reat li jikkoncerna s-sejba ta' gisem ta' persuna feminnili li kien instab gewwa garaxx fi Triq il-Kummerc Hal Qormi u ghalhekk dak kollu li qal in konnesjoni ma dik l-investigazzjoni m'ghandux jifforma parti f'dan il-kaz. Jinghad pero' illi meta huwa tkellem dwar il-*localisation* li huwa ghamel fir-rigward l-inhawi tal-Armier u cioe' minn fol. 676 il-quddiem, din hija relatata mal-proceduri odjerni u ghalhekk dak li rrizulta lilu, mill-*localisation* li saru fuq in-numru cellulari 99443507 t' Andrew Mangion fil-perjodu tas-27 t' April, 2016 fejn id-*data connection* bdiet f' 21.45 ta' dak il-jum ghandha tibqa' fil-process. Fir-rigward ta' dak li qal dak ix-xhud fuq ir-reati li jifformaw parti mill-proceduri odjerni, x-xhieda tieghu ghandha tibqa' inserita fl-atti. Dwar ix-xhieda ta' Marisa Gauci li tinsab a fol. 726 et seq. jinghad li din hija rapprezentanta tas-socjeta' Vodafone u tghid li hija giet mitluba taghti *call profile* fuq zewg numri li kienu 99944500 u 99443507. Fix-xhieda taghha spjegat li kienet qeghda tirraprezenta CD a fol. 730 u f'din is-CD hemm hdax-ill *cell* li jkopru l-Armier u Mellieha. Ghalhekk tali xhieda zgur li hija rilevanti pero' hija rilevanti biss fir-rigward il-perjodu ta' 27 t' April, 2016 u mhux fir-rigward tal-perjodu l-iehor li jikkoncerna l-inkjesta dwar gisem ta' persuna feminnili li kien instab gewwa garaxx fi Triq il-Kummerc Hal Qormi. Ghalhekk jinghad illi min dan id-dokument ghandu jigi muri biss lill-gurati l-*call profiles* u *antenna* li gew milquta fil-jum tas-27 t' April, 2016 u kull informazzjoni ohra f'dan is-CD ghandu jigi sfilzat. F'dan ir-rigward jinghad illi l-kliem intitolati 'Homicide of Eleanor Mangion of Swieqi on the 03/07/2016' indikati fid-dokument MG a fol. 729 ghandhom jigu sfilzati.

Dwar ix-xhieda ta' Julian Grech a fol. 731 jinghad illi dan huwa sid il-vettura van tal-amla Hyundai kulur abjad bl-ittri KBL u dan jikkonferma li s-socjeta' GGS Ltd kienet xtrat din il-vettura xi snin qabel ma xehed u li kien Mangion li kien isuqha ghax-xoghol. Illi ghalhekk tali xhieda hija rilevanti stante li tipprova l-pussess legittimu li kellu Mangion fuq din l-istess vettura li allegatament instab id-DNA tal-vittma Scerri gewwa fiha. Ghalhekk tali xhieda m'ghandiex tigi sfilzata.

Dwar ix-xhieda ta' Deandra Zerafa a fol. 930 li giet mitluba tesebixxi *print out* ta' CD li kienet giet esebita minn Marisa Gauci mill-Vodafone jinghad illi dak kollu li jirreferi ghall-jum tas-27' April, 2016 ghandu jibqa' inserit fl-atti u kull referenza li hemm dwar dati ohrajn ghandu jigi sfilzat mill-atti.

Dwar ix-xhieda ta' PS 659 Jeffrey Hughes u PC 1525 Patrick Farrugia b'referenza ghal Dok. MP2 jinghad li din ir-relazzjoni tikkoncerna principalment ir-reat dwar l-omicidju t' Eleonor Mangion li nstabet mejta nhar it-3 ta' Lulju, 2016 u ghalhekk tali relazzjoni in principju m'ghandiex tifforma parti minn dawn il-proceduri pero' f'din ir-relazzjoni u appuntu minn fol. 1405 sa fol. 1409 hemm ritratti tal-vettura li allegatament instab id-DNA tal-vittma Scerri gewwa fiha u ghalhekk tali ritratti minghajr id-deskrizzjoni tahthom ghandhom jibqghu jiffirmaw parti minn din dawn l-istess proceduri u ghalhekk ix-xhieda ta' PS 659 Jeffrey Hughes u PC 1525 Patrick Farrugia f'dik il-parti fejn jitkellmu dwar l-omicidju ta' Eleonor Mangion ghandha tigi sfilzata u limitata biss fir-rigward tax-xhieda taghhom li talvolta tista' tikkoncerna l-kaz odjern. L-istess ghandu jinghad ghax-xhieda ta' PS 826 Matthew Parnis misjuba a fol. 1332 tal-atti.

Dwar ix-xhieda tad-Direttur tal-Qorti Kiminali Eunice Grech Fiorini, moghtija nhar il-11 t' April, 2019 a fol. 1476 jinghad li din m'ghandha x'taqsam xejn mal-kaz odjern u ghalhekk ghandha tigi sfilzata flimkien mar-rapport minnha esebit, immarkat bhala Dok. EGF a fol. 178 tal-atti. Dwar it-talba li jigi sfilzat ir-rapport

ta' Dr Marisa Cassar esebit fl-atti bhala Dok. MC2 a fol. 1553 et seq. jinghad li kull referenza li hemm ghall-inkjesta dwar il-gisem ta' Elenor Mangion Walker li kien misjub gewwa garaxx fi Triq il-Kummerc, Qormi, ghandu jigi sfilzat, pero' kull referenza ghall-kampjun li ttihed mid-demm ta' fuq il-basket tal-Lidl bil-kodici numru JP005A ghandu jibqa' jifforma parti minn dan l-atti, kif ukoll kwalsiasi analizi ta' DNA li saret fuq dan l-istess basket kif ukoll mill-kampjuni orali ta' John Scerri, Elena Calin u Andrew Mangion.

Dwar ix-xhieda ta' PC 431 William Galea u PC837 Daniel Zammit, minkejja li din titratta dwar is-sejba tal-van KBL351 gewwa San Gwann, din ix-xhieda hija diretta lejn l-investigazzjoni li kienet qed issir dwar l-omicidju ta' Elenor Mangion Walker u ghalhekk m'ghandiex x'taqsam mal-kaz odjern u ghalhekk ghandha tigi sfilzata.

Dwar ix-xhieda ta' Maria Dolores Fenech, misjuba fol. 1630 tal-atti fejn dik tirrigwarda l-ko-akkuzat u l-esebizzjoni formali tal-vettura KBL 351. Fir-rigward tal-esebizzjoni formali tal-vettura, il-Qorti tara r-rilevanza taghha fir-rigward tal-proceduri odjerni u fir-rigward dik il-parti tax-xhieda ta' Zekic, jighad illi l-ghaxar Kap tal-akkuza tikkoncerna propju ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tal-istess Kristian Zekic u ghalhekk m'hix ser tordna l-isfilz la tax-xhieda taghha u lanqas tad-dokument sussegwenti mmarkat bhala Dok. DF a fol. 1634 stante li ghalkemm tali parti tax-xhieda ma taffetwax lill-akkuzat Mangion, jista' jkollha rilevanza fil-konfront tal-akkuzat Zekic.

Dwar ix-xhieda ta' PS 125 Malcolm Mifsud a fol 726 et seq. jinghad illi din hija relatata biss mal-allegat omicidju ta' Elenor Mangion u ghalhekk ghandha tigi sfilzata minn dawn l-atti.

Dwar ix-xhieda ta' misjuba fol. 1626 tal-atti jinghad li din hija relatata mal-omicidju ta' Elenor Mangion Walker u ghalhekk ghandha tigi sfilzata.

Fir-rigward **tar-raba' eccezzjoni preliminari taht din is-sezzjoni intitolata' 'Inamissibilta' tal-Provi'** Jinghad illi l-akkuzat Mangion fit-tmien (8) Kap gie akkuzat bil-pussess ta' arma minghajr licenzja u in oltre fid-disa' (9) Kap l-istess akkuzat Mangion gie akkuzat li kellu l-pussess ta' arma waqt li kien qed iwettaq serqa minn gewwa l-*boathouse* numru 4, bl-isem ta' Birbal gewwa l-Armier. Jinghad ukoll li din l-arma in segwitu nstabet fl-istess vettura Renault Cleo bin-numru tar-registrazzjoni GBE 918, li allegatament Mangion harab biha minn fuq il-post. Gie stabbilit ukoll li din l-arma hi tad-ditta Weirauch mudell HW45 u ghandha numru serjali 406908, kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert mahtur PC1525 Patrick Mangion. Il-prosekuzzjoni ghalhekk harrket lil WPC 59 Abigail Couldry sabiex tixhed u tikkonferma jekk effettivament l-akkuzat Mangion kellux il-permess igorr arma tan-nar u effettivament sabiex tghid jekk tali arma tappartjenix lilu. Il-prosekuzzjoni ma tistax tipprova tali Kap tal-Akkuza jekk mhux bix-xhieda ta' WPC 59 Abigail Couldry. Jekk jirrizulta mix-xhieda taghha li tali arma ma kienitx tieghu izda kienet fil-pussess tieghu minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, din per se huwa minnu li ser taffetwa l-gudizzju li ser ikollhom il-gurati fuq il-persuna ta' Mangion. Illi din il-Qorti ma tistax tichad tali prova tal-prosekuzzjoni sempliciment minhabba il-gudizzju li talvolta jistghu jaghmlu l-gurati fuq l-akkuzat Mangion u dan ghaliex kieku kellha tichad ix-xhieda ta' WPC 59 Abigail Couldry tkun qeghda indirettament iccahhad il-prosekuzzjoni mix-xhieda taghha li tipprova l-akkuzi addebitati fil-konfront tal-istess Mangion. WPC 59 Abigail Couldry tispjega biss li hi stazzjonata fil-Weapons Office u giet mitluba tixhed dwar l-armi li Andew Mangion seta' kellu registrati fis-sistema. Hija kienet ipprezentat dokument immarkat bhala Dok. AC a fol. 721, dokument iehor a fol. 722 u dokument iehor a fol. 723. Dwar l-ewwel zewg dokumenti a fol. 721 u 722, il-Qorti thoss li huma ta' relevanza u li

ghandhom jigu murija lil gurati waqt is-smiegh tal-guri, flimkien mad-dokument immarkat bhala Dok AC1 u AC2 minn fejn jirrizulta illi l-pistola numru 406908 tal-ghamla Weirauch kienet registrata fuq persuna ohra u cioe' Armando Primo Casagrandi u li kienet giet misruqa.

WPC 59 Abigail Couldry qalet illi 'Owner of said firearm is being kept at forensic ward Mount Carmel hospital' kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 723. Illi Mangion skond id-dokument AC esebit a fol. 721 irrizulta li huwa sid ta' arma u ghalhekk ir-referenza tal-persuna li qed tinzamm fil-Forensic ward ta' Mount Carmel Hospital, hi riferenza indiretta ghall-akkuzat Mangion, li ndirettament tindika li Mangion seta' kellu kazijiet ohra pendenti u li ghalhekk kien jinsab f'din it-taqsima tal-isptar. Tali prova m'ghandiex tkun hemm ghaliex tista' titfa' riflessjoni ta' pregudizzju fuq il-karattru ta' Mangion u konsegwentament tali prova u cioe' fejn WPC Abigail Couldry qalet li 'Owner of said fire arm is being kept at forensic ward' ghandha tigi sfilzata mill-atti flimkien mad-dokument esebit a fol. 723 u konsegwentament hija dik il-parti biss dwar ix-xhieda ta' WPC 59 Abigail Couldry li ghandha tigi sfilzata.

Dwar it-talba tax-xhieda ta' Saviour Baldacchino sabiex tigi sfilzata jinghad is-segwenti. Illi x-xhieda tal-Ispettur Baldacchino hija rikjesta sabiex jirrakonta is-sehem tieghu fl-investigazzjoni ta' dan ir-reat u cioe' dak konness mas-serq fil-boathouse numru erbgha, bl-isem Birbal fl-Armier. Jirrizulta mix-xhieda tieghu illi l-pulizija sabet id-DNA tal-vittma Scerri gewwa van li kien jaghmel uzu minnu Mangion. Illi dan il-van huwa konness ma' investigazzjoni ohra li kienet qed taghmel il-pulizija fl-istess zmien illi l-pulizija kienet tablet *call profile* dwar l-akkuzat Mangion, fil-hin u d-data tal-incident li sehh gewwa l-Armier minn fejn irrizulta li propju Mangion kien jinsab fl-akwati tal-Armier fil-hin tal-incident. L-Ispettur allega fix-xhieda tieghu li hija kwistjoni ta' fatt li ghadha trid tigi apprezzata mill-gurati li d-DNA ta' Scerri instab fuq basket tal-Lidl, gewwa dan

l-istess van u ghalhekk hu necessarju li dan il-basket li jifforma parti mill-inkjesta li saret fuq reat iehor fejn il-van gie elevat, tifforma parti wkoll minn dan il-process u dan sabiex ikun hemm il-kontinwita fic-chain of evidence tal- provi li ghandhom jigu mressqa mill-prosekuzzjoni. Illi ghalhekk ix-xhieda tal-Ispettur Saviour Baldacchino hija necessarja u rikjesta sabiex il-prosekuzzjoni tkun tista' tipprova l-kaz taghha b'iktar precizjoni. Konsegwentament din il-parti tar-raba' eccezzjoni qeghda wkoll tigi michuda.

**<u>Il-hames eccezzjoni preliminari</u>** tikkoncerna x-xhieda ta' Doris Vella Cassia, rapprezentant ta' Mater Dei li esebiet il-*medical history* tal-allegat vittma Scerri, mmarkat bhala Dok. DVC a fol. 1767 et seq. Id-difiza qed titlob l-isfilz tax-xhieda taghha flimkien mad-dokument DVC u dan ghaliex tali xhud ma gietx ezentata mis-sigriet professjonali taghha. Jinghad illi din il-persuna ma jirrizultax li hi tabiba izda hija mpjegata ta' Mater Dei u ghalhekk mhux marbuta b'xi sigriet professjonali. Pero' jinghad li f'kaz li l-*medical history* tal-allegat vittma se jigi muri lill-gurati, Joseph Scerri, xhud indikat mill-prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiza dejjem jista' jigi mitlub li jaghti l-ezenzjoni tieghu kaz li hu mehtieg u ghalhekk tali eccezzjoni qeghda wkoll tigi michuda.

**<u>Is-sitt eccezzjoni taht din is-sezzjoni</u>** tikkoncerna l-isfilz tad-depozizzjoni tal-allegat vittma Armando Primo Casagrande a fol. 292 tal-atti, kif ukoll id-dokument a fol. 296 preparat minnu, ix-xhieda ta' Corrado Casagrande a fol. 252 u x-xhieda ta' Ida Cutugno a fol. 248. Jinghad illi dawn huma xhieda li xhedu quddiem il-perit Nicholas Mallia nominat mill-Magistrat Inkwerenti u ghalhekk tali xhieda giet mehuda b'mod legittimu. Illi l-*proces verbal* redatt mill-Magistrat Inkwerenti, huwa prova fih innifsu li gie esebit in segwitu fl-atti tal-kumpilazzjoni. F'dak l-istadju kien jispetta lid-difiza titlob li jitharrku bhala xhieda sabiex taghmel il-kontro-ezami taghhom f' dak l-istadju tal-istruttorja f'kaz li hasset il-bzonn. Evidentament minn ezami tal-atti ma jirrizultax li dan

sar. Illum dawn huma xhieda ndikati mill-prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiza u ghalhekk il-kontro-ezami taghhom jista' xorta jsir filwaqt propizju wara li huma jikkonfermaw it-testimonjanza taghhom.

Id-difiza qeghda titlob ukoll l-isfilz tar-rapport ta' l-Ispettur Trevor Micallef u x-xhieda tieghu moghtija a fol. 773 tal-atti. Jinghad li tali rapport sar skond il-ligi u dan sabiex infethet l-inkjesta relattiva u dak kollu li xehed l-Ispettur a fol. 773 tal-atti jikkoncerna wahda mill-akkuzi msemmija fil-Kap tal-akkuzi odjerni. Konsegwentament tali eccezzjoni qeghda tigi michuda *in toto* u m'hu veru xejn illi d-difiza tigi prekluza milli taghmel domandi in kontro-ezami ta' tali xhieda stante li tali xhieda ghad iridu jiddeponu mill-gdid waqt il-guri.

**Is-seba' eccezzjoni preliminari** tikkoncerna talba ghal sfilz ghal dik il-parti tad-depozizzjoni tal-Ispettur Saviour Baldacchino fejn jitkellem dwar l-allegat verzjoni li ta l-ko-akkuzat lilu u lill-Ispettur Keith Arnaud. Jinghad illi dak li jghidu dawn ix-xhieda fir-rigward il-ko-akkuzat, m'ghandux effett fuq l-akkuzat Mangion u ghalhekk qatt ma tista' tikostitwixxi prova fil-konfront tieghu. Illi effettivament tali xhieda tikkoncerna xhieda verament *detto del detto* ghaliex qeghdin jixhdu fuq dak li ntqal lilhom mill-ko-akkuzat pero' sta ghal din il-Qorti fi stadju ulterjuri li tispjega lill-gurati s-sinifikat tax-xhieda *hearsay* u zgur li f'dan l-istadju tali xhieda ma tistax tigi sfilzata.

**It-tmien eccezzjoni preliminari taht din is-sezzjoni** tikkoncerna l-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz ta' dik il-parti tad-depozizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud waqt l-udjenza ta' nhar it-23 ta' Jannar, 2018 quddiem il-Qorti Istruttorja a fol. 665, 666, 676, 681 u 682 tal-atti fejn xehed dwar *data connection* u dan ghaliex fl-ewwel lok ghaliex hija *hearsay evidence*, fit-tieni lok ghaliex m'ghandux hila specjali fejn tidhol elettronika u fit-tielet lok ghaliex ta taghrif daqs li kieku kien espert meta m'hu espert xejn.

Illi l-Ufficjal Investigatur u Prosekutur l-Ispettur Keith Arnaud xehed in extenso quddiem il-Qorti Istruttorja u dan sabiex jaghti l-iter li segwiet l-investigazzjoni pjuttost kumplessa minnu kondotta u ghamel referenza ghall-ezamijiet li saru in konnesjoni mad-DNA u IT dwar cellolari li jintuzaw kemm minn Mangion, kif ukoll mill-ko-akkuzat. Illi sabiex jaghti stampa aktar cara ta' dak li kien qed ighid fil-kors tax-xiehda tieghu, l-Ispettur Arnaud ghamel referenza i ddeponew f'dawn il-proceduri. L-akkuzat Mangion oggezzjona ghal diversi siltiet minn din ix-xhieda ghar-ragunijiet moghtija fl-istess eccezzjonijiet. Illi lmenti konsimili gew diversi drabi sollevati f'proceduri penali quddiem il-qrati taghna. Illi jibda biex jinghad illi l-akkuzat Mangion qed isib oggezzjoni ghal xiehda li hija traskritta ta' xhud li iddepona fl-Istruttorja, meta effettivament kellu kull opportunita' jikkontrolla quddiem dik l-istess Qorti. L-Ufficjal Prosekutur u cioe' l-ispettur Keith Arnaud huwa mistenni li jixhed mill-gdid waqt il-guri bhal kull xhud iehor li xehed fil-kumpilazzjoni u ghalhekk huwa prematur ghall-akkuzat li jilmenta dwar siltiet mid-deposizzjoni ta' dan ix-xhud ghaliex hija x-xiehda li ser tinstema fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri li ghandha ikollha piz fuq id-decizjoni ahharija tal-imhallfin tal-fatt. Illi ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti Kriminali li fl-istadju opportun tispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xiehda u r-rilevanza ta'l-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi. Illi Mangion joggezzjona ghal tali xhieda fl-ewwel lok ghaliex jghid li tali xhieda hija *hearsay*.

Illi kif diga inghad il-posizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv meta huwa jaghti x-xiehda tieghu sabiex jispjega il-kors li ha l-istharrig minnu kondott ai fini li jasal ghal malvivent, hija xi ftit jew wisq differenti minn dak tax-xhud ordinarju billi fix-xiehda tieghu huwa jrid necessarjament jaghti stampa ta' dak li wasslu sabiex jigu stitwiti l-proceduri penali fil-konfront tal-persuna akkuzata. Illi ghalhekk huwa jkun kiseb l-informazzjoni, li fil-maggior parti jixhed dwarha,

minn ghand terzi persuni li jkunu gew mitkellma minnu fil-kors tal-istharrig minnu kondott, jew mill-esperti mahtura fl-*in genere*. F'dan il-kaz l-ispettur jixhed u jghid illi huwa kiseb id-dettalji dwar l-uzu li sar fil-qasam tat-telefonija fil-kors tal-kummissjoni tad-delitt minn ghand is-service providers u mhux ghaliex huwa ghandu xi sengha u hila specjali fir-rigward kif donnu qed tallega d-difiza ta' Mangion. L-akkuzat donnu jishaq b'mod indirett illi jekk din l-informazzjoni nkisbet minn terzi allura hija prova inammissibbli xortawahda ghaliex tikkostitwixxi 'l hekk imsejjah *hearsay evidence*. Issa, l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-**artikoli 598 u 599 tal-Kap 12** reżi applikabbli għall-Kapitolu 9 bl-**artikolu 645:**

> *"598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*
>
> *"(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.*
>
> *"(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.*
>
> *"599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu',*

*ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."*

Fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet Ir**-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**, il-Qorti Kriminali caħdet l-eccezzjonijiet ta' inammissibilita` wara li kkunsidrat:

*"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa* ***Subramaniam v. Public Prosecutor*** *fejn insibu dan il-kliem:*

*"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

*"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti*

*kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.*

***"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.*** *(sottolinjar tal-Qorti) "*

F'dak li huma decizjonijiet kriminali, il-Qrati taghna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: **Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja**[4]). Recentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:

*"'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."*

[4] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**, 26 ta' Mejju 2005: "Kwantu ghaxxiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lillPulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur lakkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setgħet tittieħed bhala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor.

Fis-sentenza taghha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-istess ismijiet, mbaghad, il-Qorti tal-Appell kienet ikkummentat hekk:

> *"18. … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li* ***<u>din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess</u>****. …..* (sottolinjar tal-Qorti)
>
> *21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta'*

*abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir- rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għassalvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."*

Huwa bil-wisq evidenti minn dan it-taghlim gurisprudenzjali illi sta ghall-Imhallef togat waqt il-guri biex jara illi ma jsirx abbuz fit-termini tas-sentenza precitata billi jikkontrolla x-xiehda u jispjega lill-ġurati r-regoli tal-*hearsay* kif indikat f'dik is-sentenza.

Illi ghalhekk dak li qed isostni l-akkuzat Mangion fit-tmien eccezzjoni tieghu, ma jsib l-ebda solljev u ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Illi din il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet preliminari ta' Adhamjan Niyazov maghruf bhala Kristijan Zekic. Din il-Qorti sejra tghaddi minnufih **ghall-ewwel eccezzjoni preliminari** tal-akkuzat Zekic u cioe' illi l-atti kollha tal-kumpilazzjoni ghandhom jigu annullati u dan peress illi x-xhieda suppost ittiehdet b'mezzi elettrono-manjetici u minflok ittiehdet b'mod digitali. L-akkuzat ghamel referenza wkoll ghall-Att Dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetci. Il-Qorti fliet dan l-Att u li huwa Kapitlu 248 tal-Ligijiet ta' Malta li originarjament gie promulgat fl-1980 u li gie l-ahhar emendat fl-1995. Tajjeb illi wiehed jenfasizza illi minn dakinhar it-teknologija ghamlet avvanzi kbar u li anke l-Qrati taghna jipprovaw izommu ruhhom aggornati mal-avvanzi teknologici. Madankollu, kif wiehed jista' jinnota f'dawn il-proceduri issir referenza ghal dan il-Kapitolu tal-Ligi.

Din il-Qorti zgur li ma tistax taqbel mal-akkuzat illi la x-xhieda ma ttihditx b'mezzi elettrono-manjetici allura l-atti kumpilatorji huma nulli. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio** et[5]saret referenza ghas-sentenza ir-**Repubblika ta' Malta vs Giovanna Pace u Christopher Mazzitelli**,[6] fejn f'verbal kien kien hemm illi Spettur tal-Pulizija xehed u ezebixxa dokument, izda ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xiehda tieghu w allura l-Qorti ddecidiet hekk:

> *".... l-fatt li ma hemmx traskrizzjoni ta' xiehda ta' l-Ispettur Josric Mifsud tal-mument li fih esebixxa d-dokumenti msemmija, ma jfissirx illi ma ġiex somministrat lilu l-ġurament qabel ma esebihom. Mhux kull ma jingħad fl-Awla jiġi traskritt."*

Is-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et**[7] kompliet billi ghamlet referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kapitolu 284 tal-Ligijiet ta' Malta li jistpula li:

> *"Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti* ***tista'*** *tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi."*
>
> *Dan ifisser illi l-Qorti* ***ma hijiex marbuta*** *illi taghmel registrazzjoni tal-procediment li jkun qed isir quddiemha u li sussegwentement dawn jigu traskritti u ghalhekk tista' tirregistra kull haga li jsir matul l-udjenza bil-miktub, kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz.*

[5] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.
[6] App.Sup 13/06/2013.
[7] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.

Ghaldaqstant din il-Qorti zgur li mhux sejra tannulla l-atti kumpilatorji ghaliex dawn ma gewx registrati b'mezzi elettro-manjetici u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat qeghda tigi michuda.

**<u>Fit-tieni eccezzjoni preliminari</u>** l-akkuzat jikkontendi li l-atti huma wkoll nulli ghaliex l-identita' maghmula mill-Ufficjal Prosekutur fil-konfront tieghu hija dubbjuza. Illi jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-20 ta' Lulju, 2017 ai termini tal-Artikolu 390(1) tal-Kap. 9 li l-akkuzat jismu Kristjan Zekic u fil-fatt l-istess akkuzat dakinhar kien wiegeb li mhux hati. Illi dakinhar l-akkuzat Zekic fl-ebda hin ma rrileva li dak ma kienx l-isem tieghu, tant hu hekk li fil-verbal tal-prezentata jidher li l-akkuzat inghata zewg ismijiet u dan ghaliex jidher li hu ghandu *double identity*. Infatti l-prosekuzzjoni kienet talbet li jithassru l-kliem 'li huwa maghruf bl-isem ta' Kristjan Zekic' il-Qorti kienet laqghet it-talba li jitnehhew il-kliem 'li huwa maghruf' u l-akkuzat b'hekk gie akkuzat bhala Kristjan Zekic u kien ghalhekk illi l-ezami sar bl-isem u kunjom ta' Kristjan Zekic.

Illi jinghad illi in segwitu ta' din il-korrezzjoni l-koparixxi kienet giet ikkoreguta u tnehhew il-kliem ' li huwa maghruf ukoll bl-isem ta'. Illi jirrizulta pero' fil-kumparixxi li l-akkuzat Kristjan Zekic inghata wkoll l-isem ta' Adhamjon Niyazov u fl-ebda stadju waqt il-kumpilazzjoni ma ddikjara li dan ma kienx l-isem tieghu. Illi ghalhekk ghamlet sewwa l-prosekuzzjoni li akkuzat lil Kristjan Zekic b'zewg ismijiet peress li jirrizulta li huwa ghandu *double identity*. Jirrizulta minn ezami tal-verbal tat-12 ta' Lulju, 2017 li Kristjan Zekic kellu wkoll l-isem ta' Adhamjon Niyazov u l-avukat difensur tieghu Dr Giannella DeMarco ma qajjmet l-ebda eccezzjoni waqt il-kumpilazzjoni li Kristjan Zekic ma kienx ukoll imsejjah Adhamjon Niyazov izda rrilevat biss li huwa ma jifhimx bil-lingwa Maltija u talab li l-proceduri jsiru bl-Ingliz. Iktar tard fl-istess seduta Dr DeMarco taghmel referenza ghall-patrocinat taghha bl-isem ta' Adhamjon Niyazov maghruf ukoll bhala Kristjan Zekic fejn tghid li ma kienitx qed titlob il-liberta' provvizorja u

ghalhekk indirettament id-difiza stess accettat illi Kristjan Zekic kellu jew ahjar ghandu *double identity*.

Id-difiza ma tistax issa f'dan l-istadju tiddikjara illi l-prosekuzzjoni naqqset li tipprovdi dwar l-identita' ta' Zekic meta kienet hija stess li accettat li tirreferi ghalih bhala Adhamjon Niyazov maghruf bhala Kristjan Zekic u ghalhekk sewwa ghamel l-Avukat Generali li hareg l-Att tal-Akkuza fil-konfront ta' Zekic kif ukoll ta' Adhamjon Niyazov.

Jinghad ukoll kif jirrizulta mit-traskrizzjoni tal-interrogazzjoni ta' Zekic (fol. 861 Vol. V) illi meta huwa gie mistoqsi x'jismu, hu wiegeb li kien jismu Kristjan Zekic bin Dimitri u Olga, mwieled ir-Russja fit-2 ta' Frar, 1982 u residenti 13, Essex Lodge, Triq Madre Tereza, Mosta. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni bbazat l-identita' tal-akkuzat Zekic fuq l-informazzjoni moghtija lilha minnu stess. Konsegwentament tali eccezzjoni f'dan l-istadju qed tigi michuda.

**Fit-tielet eccezzjoni l-akkuzat** Zekic iddikjara illi l-*proces verbal* esebit fl-atti a fol. 26 huwa inammissibli stante li ma tharsux ir-rekwiziti procedurali, sanciti fil-Kodici Kriminali sabiex l-istess inkjesta giet esebita fl-atti tal-kawza odjerna. Dan ghaliex kopja ta' l-istess kellha tigi esebita mill-Avukat Generali u mhux mid-deputat registratur Stephania Testa. L-Artikolu 518 tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti:

> *"L-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' gustizzja kriminali ma jistghux jintwerew lil hadd, lanqas ma jistghu jinghataw kopji taghhom, minghajr permess specjali tal-qorti, hlief lill-Avukat Generali, lill-partijiet fil-kawza jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqrw fil-qorti bil-miftuh, jista' jarahom kull min*

*irid u jistghu jinghataw kopji taghhom, bil-hlas tad-dritt soltu: Izda* ***__processi verbali u kull xiehda u dokumenti mdahhlin maghhom__*** *ghandhom jintewerew, u* ***__kopji taghhom jinghataw, biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Generali__*** *u bil-hlas ta' dawk id-deittijiet jistghu jigu stabbiliti mill-Ministru ghall-gustizzja skont l-artikolu 695:".*

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-*proces verbal* u kull xhieda u dokumenti mdahhlin maghhom ghandhom jintwerew u kopja taghhom jinghataw biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Generali a kuntrarju ta atti u d-dokumenti tal-Qorti ta' gustizzja kriminali li ghandhom bzonn permess minghand il-partijiet tal-kawza sabiex jigu murija jew esebiti f'proceduri ohrajn. Issa, fil-kaz odjern jirrizulta a fol. 28 tal-process li l-Ispettur Kylie Borg ghan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija kienet ghamlet talba lill-Avukat Generali sabiex l-inkjesta dwar gisem ta' persuna feminnili li kien misjub gewwa garaxx fi Triq il-kummerc Hal Qormi, nhar it-3 ta' Lulju 2016, jigi esebit fil-proceduri odjerni. Illi l-Avukat Generali in segwitu, nhar is-26 ta' Settembru, 2016 kien baghat nota li permezz taghha a tenur tal-Artikolu 569(4) huwa annetta l-atti tal-*proces verbal* numru 618/16 dwar gisem ta' persuna feminnili li kien misjub gewwa garaxx fi Triq il-kummerc Hal Qormi, nhar it-3 ta' Lulju 2016 sabiex jigi nserit fl-atti tal-kawza odjerna li kienet riferita ghas-26 ta' Settembru, 2016, ghalhekk il-manjiera kif gie esebit dan il-*proces verbal* huwa skond il-ligi. Dwar dak sollevat minnu fit-tieni parti ta' din l-eccezzjoni u cioe' fejn talab l-isfilz ta' numru ta' xhieda u dokumenti kif imsemmija fl-eccezzjoni numru tlieta taht it-titolu inammissibilita' ta' provi tal-ko-akkuzat Mangion, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak mistqar aktar il-fuq f'dan ir-rigward u taghmlu taghha wkoll bhala ragunament ghal din l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzat Kristjan Zekic. Konsegwentament din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**<u>Fir-raba' eccezzjoni preliminari</u>** l-akkuzat jitlob l-isfilz tal-istqarrijiet mehuda mis-Supretendent Keith Arnaud u dan ghaliex l-akkuzat Zekic ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni. Il-Qorti semghet ir-*recording* tal-istqarrija tal-akkuzat datata 11 ta' Lulju, 2017 esebita fl-atti a fol. 688 tal-process, maqsuma fi tlett partijiet u minn ezami tal-istess ma jirrizultax illi l-akkuzat inghata d-dritt li jkun assistit minn Avukat. Jirrizulta wkoll mit-traskrizzjoni tax-xhieda li ta s-Supretendent Arnaud li effettivament l-akkuzat Zekic ma kienx assistit minn avukat waqt li hu rrilaxxa l-istqarrijiet tieghu (fol. 683). Illi s-Supretendent fix-xhieda tieghu jghid illi l-akkuzat 'ghazel li ma jkollux'. M'hemmx dubbju li fiz-zmien meta l-akkuzat Zekic irilaxxa l-istqarrijiet tieghu u cioe' f' Lulju 2017, ir-regim tal-ligi dwar l-assistenza legali waqt l-arrest kien dak shih u cioe' li ssuspettati kellhom id-dritt tal-prezenza tal-avukat jew prokuratur legali tal-ghazla taghhom waqt l-interrogazzjoni in forza tal-Att nru LI ta' 2016 datat 28 ta' Novembru, 2016 li dahal fis-sehh id-direttiva 2016/1919UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 t' Ottubru, 2016 dwar ghajnuna legali ghal persuni susspetati u akkuzati fi procedimenti kriminali u ghal persuni rikjesti fi procedimenti ta' mandat t' arrest ewropew. Illi ghalhekk f'dan il-kaz l-akkuzat Zekic kellu dritt ikun mgharraf b'dan id-dritt li jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali tal-ghazla tieghu waqt l-interrogazzjoni u f'kaz li jirrifjuta tali assistenza, il-ligi tezigi li jkun hemm dikjarazzjoni ta' rifjut.

Filfatt l-artikolu 355AUG(2) tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi:

> *"Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi."*

Illi minn imkien ma jirrizulta fl-ewwel lok li kien hemm rinunzja salv ghal dak li qal lis-Supretendent fix-xhieda tieghu tat-23 ta' Jannar 2018 (fol. 683) fejn qal b'referenza ghall-akkuzat Zekic meta mistoqsi mid-difiza jekk kellux avukat prezenti mieghu hu wiegeb 'hu ghazel li ma jkollux'. Din m'hix il-procedura li kellha tigi adoperata u ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mid-difiza ghall-isfilz tal-istqarrija tieghu konsistenti fi tlett partijiet qed jigu ddikjarati inamissibli u ghandhom ghalhekk jigu sfilzati.

**Fil-hames eccezzjoni** l-akkuzat Zekic jitlob l-isfilz ta' kull prova u referenza ghall-passat u/jew karattru refrettarju tal-akkuzat kull fejn issir referenza ghall-precedenti, kaz jew kazijiet ohrajn kemm pendenti u kemm decizi fil-konfront tal-akkuzat stante li tali prova hi inammissibli. Jinghad illi tali eccezzjoni hija wahda vaga u mhux diretta lejn xi prova partikolari u filwaqt li taqbel li m'ghandux ikun hemm referenza ghall-kazijiet precedenti jew pendenti tal-akkuzat, il-Qorti sejra tidderigi x-xhieda li ghandhom jixhdu fil-guri li ma ssir l-ebda referenza ghal dan il-fatt. Peress illi d-difiza m' identifikatx l-ebda prova jew xhud per se din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Fis-sitt eccezzjoni** d-difiza titlob l-isfilz tax-xhieda ta' Doris Vella Cassia stante li ma gietx ezentata mis-sigriet professjonali taghha ai termini tal-Kapitolu 642(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad li din l-eccezzjoni diga giet trattata minn din il-Qorti supra meta trattat il-hames eccezzjoni tal-akkuzat Mangion taht it-titolu inamissibilta' ta' provi u dak li ntqal fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, fir-rigward ta' Mangion japplika mutatis mutandi fil-konfront tal-akkuzat Zekic u ghalhekk tali eccezzjoni qeghda tigi michuda f'dan l-istadju.

**Is-seba' eccezzjoni** ta' Zekic hija identika ghas-sitt eccezzjoni taht it-titolu inammissibilita' ta' provi mressqa mill-akkuzat Mangion u kif indikat *supra* u ghal darb' ohra, dak li ntqal fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, fir-rigward ta'

Mangion japplika *mutatis mutandi* fil-konfront tal-akkuzat Zekic u ghalhekk tali eccezzjoni qeghda tigi michuda f'dan l-istadju.

**<u>Fit-tmien eccezzjoni</u>** d-difiza ssostni li hemm difett procedurali li jgib mieghu n-nullita' tal-proceduri odjerni u dan peress li nomina tal-esperti kollha mahtura fl-inkjesta rigwardanti dan il-kaz enumerate 716/2017 bl-isem "allegat serqa b'sekwestru ta' persuni u feriti ta' natura gravi gewwa boathouse 4, Birbal, Triq il-Briqex L/O Armier Mellieha, nhar is-27 t' April, 2016 qatt ma giet ikkonfermata mill-Magistrat sedenti fil-kawza odjerna. Il-Qorti rat illi din l-inkjesta giet esebita quddiem il-Qorti Istruttorja fit-30 t' Ottubru, 2017 (fol. 235 Vol. I). Illi minn ezami tal-verbal ta' dik il-Qorti tal-istess jum jirrizulta li dan id-dokument gie esebit minn Susan Fenech u mmarkat bhala Dok. SF. Immedjatament wara l-esebizzjoni tieghu, l-Qorti ghaddiet sabiex ikkonfermat l-eseperti nominati f'dik l-inkjesta u ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzat Zekic f'dan ir-rigward hi nfondata u konsegwentament qed tigi michuda.

Ghaldaqstant fir-rigward tal-akkuzat Mangion, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel disgha eccezzjonijiet preliminari taht it-titolu 'l-Att tal-Akkuza'. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni taht it-titolu 'Inammissibilta' ta' Provi' din il-Qorti qeghda tichadha salv ghal dik il-parti minima fl-istqarrija li tikkoncerna l-allegat omicidju ta' Elenor Mangion, liema parti ghandi tigi sfilzata. Dwar it-tieni u d-disgha eccezzjonijiet preliminari taht it-titolu 'Inammissibilta' ta' Provi', dawn ukoll qed jigu michuda. Dwar it-tielet eccezzjoni taht it-titolu inammissibilta' ta' provi, fejn id-difiza qed titlob l-isfilz tal-inkjesta dwar gisem ta' persuna feminnili li kien instab gewwa garaxx fi Triq il-Kummerc Hal Qormi, il-Qorti tichad l-isfilz totali tal-proces verbal relattiv izda ghandhom jigu esebiti dawk il-partijiet relatati u konessi BISS mal-kwistjoni tal-basket tal-Lidl misjub fil-van u kwalsiasi prova ohra relatata mar-reat konness ma' dik l-investigazzjoni m'ghandux jifforma parti minn dawn il-proceduri. Konsegwentament ir-relazzjonijiet u d-

dokumenti esebiti minn diversi xhieda li m'ghandhomx x'jaqsmu ma' din il-prova *ut sic* ghandhom jigu sfilzati. Dwar ix-xhieda tal-Ispettur Saviour Baldacchino ix-xhieda, din ghandha tibqa' inserita' fl-atti u konsegwentament it-talba ghall-isfilz taghha qeghda tigi michuda; Dwar l-isfilz tax-xhieda ta' Stefania Calafato Testa din qed tigi milqugha; Dwar ix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud it-talba tad-difiza qeghda tigi milqugha salv ghal dak li rrizulta lilu, mill-*localisation* li saru fuq in-numru cellulari 99443507 t' Andrew Mangion fil-perjodu tas-27 t' April, 2016 fejn id-*data connection* bdiet f' 21.45. ta' dak il-jum li ghandha tibqa' fil-process flimkien ma dak li qal dak ix-xhud fuq ir-reati li jifformaw parti mill-proceduri odjerni; Dwar ix-xhieda ta' Marisa Gauci, it-talba qeghda tigi milqugha salv ghal dak kollu li jirrelata mal-kaz odjern u ghall-perjodu ta' 27 t' April, 2016. Dwar ix-xhieda ta' Julian Grech, it-talba tal-akkuzat qeghda tigi michuda; Dwar ix-xhieda ta' Deandra Zerafa din qed tigi milqugha salv ghal dak kollu li jirreferi ghall-jum tas-27' April, 2016 li ghandu jibqa' inserit fl-atti; Dwar ix-xhieda ta' PS 659 Jeffrey Hughes u PC 1525 Patrick Farrugia it-talba tal-akkuzat qeghda tigi milqugha salv li jibqghu esebiti fl-atti r-ritratti mehuda minnhom li jikkoncernaw il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBL351 u dan minghajr id-deskrizzjoni tahthom. L-istess ghandu jinghad dwar l-eccezzjoni ghax-xhieda ta' PS 826 Matthew Parnis; Dwar ix-xhieda tad-Direttur tal-Qorti Kiminali Eunice Grech Fiorini, it-talba qeghda tigi milqugha. Dwar l-eccezzjoni li jigi sfilzat ir-rapport ta' Dr Marisa Cassar esebit fl-atti bhala Dok. MC2 a fol. 1553 et seq. jinghad li kull referenza li hemm ghall-inkjesta dwar il-gisem ta' Elenor Mangion Walker li kien misjub gewwa garaxx fi Triq il-Kummerc, Qormi, ghandu jigi sfilzat, pero' kull referenza ghall-kampjun li ttihed mid-demm ta' fuq il-basket tal-Lidl bil-kodici numru JP005A ghandu jibqa' jifforma parti minn dawn l-atti, kif ukoll kwalsiasi analizi ta' DNA li saret fuq dan l-istess basket kif ukoll mill-kampjuni orali ta' John Scerri, Elena Calin u Andrew Mangion; Dwar l-eccezzjoni ghall-isfilz tax-xhieda ta' PC 431 William Galea u PC837 Daniel Zammit din qed tigi milqugha; Dwar l-eccezzjoni ghas-sfilz tax-xhieda ta' Maria Dolores Fenech,

din ghandha tigi michuda; Dwar l-eccezzjoni ghall-isfilz tax-xhieda ta' PS 125 Malcolm Mifsud din qed tigi milqugha. Dwar ir-raba' eccezzjoni ghall-isfilz tax-xhieda tal-Ispettur Saviour Baldacchino a fol. 169 qeghda tigi michuda pero' ir-rigward tal-isfiz tax-xhieda ta' WPC 59 Abigail Couldry din ukoll qed tigi michuda salv fejn qalet li' Owner of said fire arm is being kept at forensic ward' ghandha tigi sfilzata mill-atti flimkien mad-dokument esebit a fol. 723. Il-hames, sitt s-seba'u t-tmien eccezzjonijiet qed jigu michuda fit-totalita' taghhom.

Dwar l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat Adhamjon Niyazov maghruf ukoll bhala Kristjan Zekic, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel (1), t-tieni (2), t-tielet (3), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) eccezzjonijiet preliminari. Filwaqt li tilqa' r-raba' (4) eccezzjoni preliminari u tordna l-isfilz tal-istqarrijiet ta' Adhamjon Niyazov maghruf ukoll bhala Kristjan Zekic hekk kif mehuda bl-*audiovisual* Dok KAZ1 a fol. 688, kif ukoll ghat-traskrizzjoni tal-istess maghmula minn Dr Mario Calleja esebita fl-atti a fol. 861 et seq u kull referenza li saret mix-xhieda kollha ghall-istess stqarrija.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Adrian Micallef
Deputat Registratur